**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/071 (ilment nru 188) |
| **Allegazzjoni:** | Nuqqas ta' attendenza għax-xogħol bħala perit mal-gvern u għemil ta' xogħol privat waqt il-ħin tax-xogħol |
| **Ilmentatur:** | Is-Sur Neville Gafà |
| **Data tal-Ilment:** | 14 ta' Novembru 2024 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 3 ta' Ġunju 2025 |

**L-Ilment**

1. Dan huwa lment li sar mis-sur Neville Gafà (l-Ilmentatur) fl-14 ta' Novembru 2024, fejn allega li l-Onor. Perit Toni Bezzina mhux jidħol għax-xogħol bħala Senior Architect and Civil Engineer mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u li sikwit jagħmel xogħol privat waqt il-ħinijet tax-xogħol.

2. L-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A**.

**Il-Kuntest**

3. Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika preċedenti ħareġ żewġ rapporti dwar deputati parlamentari li jaħdmu mal-gvern jew fis-settur pubbliku.

4. L-ewwel rapport kien dak dwar il-każ K/002 – kwindi wieħed mill-ewwel ilmenti li sar taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta). F'dak il-każ il-Kummissarju preċedenti kkonkluda li "*l-prattika li deputati backbenchers jinħatru f'karigi fis-settur pubbliku, jew jiġu ingaġġati*

*biex jipprovdu servizz kuntrattwali lis-settur pubbliku, hija fundamentalment ħażina*".[1]

5. L-esponent jaqbel għal kollox mal-konklużjonijiet u l-preokkupazzjonijiet imqanqla f'dak il-każ f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Anke l-Kummissjoni Venezja ikkummentat illi:

> *the percentage of MPs who also have government positions or work in government appointed commissions is disproportionately higher. This is an issue of separation of powers. In a larger parliament, not only opposition, but also backbenchers from the governing party, act as a check to the powers of the Government and the Prime Minister. A smaller Parliament needs even more guarantees to be able to fulfil its role of controlling the executive.*[2]

6. L-esponent jagħmel tiegħu il-konklużjonijiet u suġġerimenti kontenuti fir-rapport tal-predeċessur tiegħu dwar il-każ K/002, u ma hemmx lok għal kummenti oħra a skans ta' ripetizzjoni. Biss importanti ħafna huwa l-prinċipju li anke fil-fehma tiegħi din il-prattika timmina l-prinċipji li l-Kostituzzjoni hija mibnija fuqhom.

7. It-tieni rapport maħruġ mill-Kummissarju preċedenti huwa dak dwar il-każ K/021. F'dan il-każ il-Kummissarju preċedenti investiga l-attendenza fuq il-post tax-xogħol min-naħa ta' deputati parlamentari tal-oppożizzjoni li kienu impjegati mal-gvern jew fis-settur pubbliku. Id-deputati in kwistjoni kienu l-Onor. David Agius, Ivan Bartolo, Toni Bezzina, Ryan Callus, Robert Cutajar, Kristy Debono, Mario Galea, Clyde Puli u Hermann Schiavone.

8. F'dan ir-rapport il-Kummissarju preċedenti tenna l-fehma tiegħu li servizz mal-gvern jew fis-settur pubbliku mhux kompatibbli mal-irwol ta' deputat parlamentari, iżda qal:

---

1 Rapport dwar il-każ K/002, paragrafu 79. Dan ir-rapport ġie maħruġ fil-5 ta' Lulju 2019 u huwa aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K002-MT.pdf.

2 Kummissjoni Venezja, *Malta: Opinion on Constitutional Arrangements and Separation of Powers and the Independence of the Judiciary and Law Enforcement*, paġna 18. Dan ir-rapport ġie maħruġ fis-17 ta' Diċembru 2018 u huwa aċċessibbli minn https://www.venice.coe.int/webforms/documents/?pdf=CDL-AD(2018)028-e.

> *I am not proposing that all public employees, whatever their level, should be disqualified from Parliament. There is an important difference between MPs who, once elected, are given jobs on a discretionary basis by the government (the subject of my report of 5 July 2019) and those who enter public sector employment before they are elected to Parliament and independently of it.*[3]

9. Il-Kummissarju sab li, bis-saħħa tal-artikolu 3(2) tal-Att dwar il-Membri Parlamentari u l-Impjieg Pubbliku (il-kapitolu 472 tal-liġijiet ta' Malta), deputati parlamentari li huma impjegati tal-gvern għandhom id-dritt li jiġu rilaxxati mix-xogħol biex jaqdu dmirijiethom fil-Parlament. It-taqsima 3.3 tal-*Manual on Special Leaves* tal-gvern[4] jispeċifika li dawn id-dmirijiet jinkludu laqgħat ta' kumitati tal-Kamra u safar bħala parti minn delegazzjonijiet parlamentari, iżda mhux attivitajiet tal-kostitwenza. Il-*Manual on Special Leaves* jestendi d-dritt ta' rilaxx mix-xogħol lid-deputati li huma impjegati mhux direttament mal-gvern iżda ma' entitajiet fis-settur pubbliku.

10. Sabiex jara kif kienu qegħdin jitħaddmu dawn id-dispożizzjonijiet, il-Kummissarju bagħat kwestjonarju lid-dipartimenti tal-gvern u l-entitajiet pubbliċi li kienu jimpjegaw id-deputati in kwistjoni. Fil-każ tal-Onor. Toni Bezzina, li diġà kellu l-kariga mal-gvern li jokkupa llum, ir-risposta għall-kwestjonarju qalet li huwa jitħalla jitlaq mix-xogħol biex jattendi attivitajiet marbuta mal-Kamra tad-Deputati, inkluż safar bħala parti minn delegazzjonijiet parlamentari, iżda mhux attivitajiet tal-kostitwenza. Ir-risposta qalet ukoll li l-Onor. Bezzina jingħata xogħol skont il-grad tiegħu, għalkemm "*not always on a regular basis*". Mill-banda l-oħra, qatt ma kien hemm istanzi fejn l-Onor. Bezzina naqas milli jagħmel xogħol assenjat lilu, u qatt ma nqala' l-bżonn li ssir komunikazzjoni miegħu minħabba nuqqas ta' attendenza fuq ix-xogħol.[5]

11. Bħala konklużjoni ġenerali (mhux fir-rigward tal-Onor. Bezzina), il-Kummissarju sab li:

---

3 Rapport dwar il-każ K/021, paragrafu 77. Dan ir-rapport ġie maħruġ fit-2 ta' Novembru 2020 u huwa aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K021.pdf.

4 Aċċessibbli minn https://publicservice.gov.mt/en/public-service-management-code-page.

5 Ara d-Dokument F3 anness mar-rapport dwar il-każ K/021.

*the practice of release for MPs is open to abuse* [...] *some MPs seem to display a total lack of understanding of what constitutes their role in Parliament and the difference between this and activities, such as attending funerals, that represent a duty to voters' families or constituency work or for instance attending programmes on the media.*[6]

12. Il-Kummissarju sab ukoll li hemm attivitajiet oħra li jirrappreżentaw "*grey area*", jiġifieri mhux ċar jekk għandhomx jitqiesu attivitajiet parlamentari għall-finijiet tal-*Manual on Special Leaves*, jew inkella attivitajiet tal-partit. Il-Kummissarju rrefera b'mod speċifiku għal-laqgħat tal-grupp parlamentari (id-deputati parlamentari kollha tal-istess partit) u x-xogħol ta' party whip u viċi-kap tal-partit għall-affarijiet parlamentari. Dawn il-karigi jistgħu jimtlew biss minn deputati parlamentari, u huma impenjattivi għaliex jinvolvu fost affarijiet oħra l-koordinazzjoni tax-xogħol parlamentari man-naħa tal-gvern.[7]

13. Il-Kummissarju rrakkomanda fost affarijiet oħra li:

(a) għandu jiġi ċċarat liema huma dawk l-attivitajiet li deputat parlamentari li huwa impjegat pubbliku jista' jattendihom waqt il-ħin tax-xogħol; u

(b) għandhom jiġu introdotti mekkaniżmi sabiex id-dipartimenti u l-entitajiet pubbliċi li jħaddmu d-deputati in kwistjoni jkunu jistgħu jiżguraw li l-faċilità ta' rilaxx mix-xogħol mhix qed tiġi abbużata.[8]

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

14. L-Ilmentatur ma ta ebda indikazzjoni fuqiex huma bbażati l-allegazzjonijiet tiegħu. Bħala prattika stabbilita ta' dan l-Uffiċċju, min jagħmel ilment huwa mistenni li jissostanzjah b'xi mod, imqar b'riferenza għal rapporti fil-midja. Għalhekk, fit-18 ta' Novembru 2024 is-sottoskritt kiteb lill-Ilmentatur (ittra annessa bħala d-**Dokument B**) biex jinfurmah b'dan u jitolbu jindika fuq liema bażi kien qiegħed jagħmel l-ilment.

15. L-Ilmentatur wieġeb permezz ta' email fl-24 ta' Novembru 2024 (annessa bħala d-**Dokument Ċ**). Huwa hemeż żewġ dokumenti mal-email tiegħu:

---

6 Rapport dwar il-każ K/021, paragrafi 69–70.

7 Rapport dwar il-każ K/021, paragrafi 49–50.

8 Rapport dwar il-każ K/021, paragrafu 80.

(a) dokument li juri kemm l-Onor. Bezzina ngħata fuel mill-gvern għall-karozza tiegħu minn Jannar sa Novembru 2024 (**Dokument Ċ1**); u

(b) lista ta' applikazzjonijiet għal permessi għall-iżvilupp li ħadem fuqhom l-Onor. Bezzina bejn l-2006 u l-2024. Skont l-Ilmentatur, dawn kienu applikazzjonijiet privati tal-Onor. Bezzina u ħadem fuqhom waqt il-ħin tax-xogħol.

16. Id-dokument (b) jinkludi xejn inqas minn 476 applikazzjoni fuq medda ta' 18-il sena. F'dan ir-rigward, is-sottoskritt ħa nota tal-artikolu 14(2) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Skont dan l-artikolu, ilment ma jistax jiġi kkunsidrat jekk isir aktar minn sena wara li seħħ il-fatt li ta lok għall-ilment, jew aktar minn tletin jum tax-xogħol minn meta l-ilmentatur sar jaf b'dak il-fatt. Għalhekk, dan l-Uffiċċju ma jistax jikkunsidra okkorrenzi li seħħew aktar minn sena qabel id-data tal-ilment.

17. Fid-dawl tal-artikolu 14(2) tal-Att, mid-dokument (b) qegħdin jiġu riprodotti biss dawk l-applikazzjonijiet li ġew deċiżi mill-Awtorità tal-Ippjanar (jew bord ieħor fi ħdan l-Awtorità) wara l-14 ta' Novembru 2023, jiġifieri mhux aktar minn sena qabel id-data tal-ilment. Dawn l-applikazzjonijiet huma elenkati fid-**Dokument Ċ2**.

18. Barra minn hekk, ebda wieħed miż-żewġ dokumenti pprovduti mill-Ilmentatur ma jsostni l-allegazzjonijiet tiegħu b'mod dirett. Madankollu, is-sottoskritt xorta waħda deherlu li l-ilment kien jimmerita aktar indaġni bil-għan li jiġi stabbilit jekk hemmx lok għal investigazzjoni skont l-Att. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att, kienu potenzjalment relevanti:

> *1. Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu f'kull waqt, sew jekk ġewwa jew barra l-Kamra, iġib ruħu b'mod li jkun jixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati.*
>
> *3. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 5 ta' din l-Iskeda, membru tal-Kamra tad-Deputati ma jista' jirċievi ebda ħlas jew kumpens ta' liema xorta jkun għax-xogħol tiegħu bħala membru tal-Kamra tad-Deputati, ħlief ir-rimunerazzjoni uffiċjali tiegħu bħala membru.*
>
> *4. Filwaqt li membru tal-Kamra tad-Deputati għandu d-dmir li jwassal l-ilmenti tal-kostitwenti tiegħu u li jagħmel rappreżentanzi f'isimhom lill-*

*awtoritajiet tal-Gvern, mhuwiex mistenni li l-membru juża xi influwenza mhux xierqa, theddid jew pressjoni li m'għandhiex issir fit-twettiq ta' dmirijietu.*

*6. Fil-waqt ta' xogħol professjonali, okkupazzjonali jew kummerċjali ma għandha ssir ebda referenza għal sħubija bħala membru tal-Kamra tad-Deputati li b'xi mod tista' tagħti lil xi membru vantaġġ mhux xieraq.*

**Indaġni Preliminari**

19. Fit-28 ta' Novembru 2024, is-sottoskritt kiteb lill-Onor. Perit Toni Bezzina biex jirreferilu l-ilment u ż-żewġ dokumenti mibgħuta mill-Ilmentatur. L-ittra, li hija annessa bħala d-**Dokument D**, irreferiet għad-dispożizzjonijiet ikkwotati fuq tal-kodiċi ta' etika tad-deputati, u talbet ir-reazzjonijiet tal-Onor. Bezzina dwar l-ilment għall-finijiet tal-indaġni preliminari ta' dan l-Uffiċċju. L-ittra talbet lill-Onor. Bezzina jgħid ukoll jekk hux minnu li huwa ma jidħolx għax-xogħol u li jagħmel xogħol privat, u jekk għandux approvazzjoni formali għal dan mingħand id-dipartiment tiegħu.

20. L-Onor. Bezzina wieġeb permezz ta' ittra datata 30 ta' Diċembru 2024 (**Dokument E**). Huwa qal fost affarijiet oħra li:

(a) ma jattendix għax-xogħol biss meta jkun bil-leave jew sick leave, meta jkun qed jattendi għal xogħol marbut ma' xi ħatra uffiċjali, u meta jkun qed jattendi għad-dmirijiet tiegħu bħala deputat parlamentari;

(b) ilu mill-2010 jinħatar mill-ministru risponsabbli bħala membru tal-Warranting Board tal-periti, li huwa rwol impenjattiv;

(ċ) jagħmel distinzjoni netta bejn il-ħidma parlamentari tiegħu u impenji purament ta' kostitwenza, u japplika għal-leave sabiex jattendi attivitajiet tal-kostitwenza;

(d) għandu permess mingħand is-Segretarju Permanenti tal-ministeru tiegħu biex jagħmel xogħol privat bħala perit;

(e) ix-xogħol privat tiegħu ma jsirx minnu biss, għaliex hu jifforma parti minn ditta li tinkludi tmien persuni oħra (ta d-dettalji tagħhom lil dan l-Uffiċċju);

(f) huwa invarjabbilment japplika għal sigħat ta' leave sabiex jattendi seduti tal-Awtorità tal-Ippjanar jew bordijiet oħra fi ħdan l-Awtorità;

(g) għandu dritt għall-fuel bħal kwalunkwe perit fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, għalkemm juża inqas minn terz tal-ammont ta' 150 litru fix-xahar li huwa intitolat għalih.

21. L-Onor. Bezzina ppreżenta ġabra estensiva ta' dokumenti biex isostni l-punti mqajma fl-ittra tiegħu. Il-biċċa l-kbira minn dawn id-dokumenti mhumiex qed jiġu annessi ma' dan ir-rapport sabiex ma jirrenduhx voluminuż iżżejjed, u anki għal raġunijiet ta' privatezza ta' terzi. Qed jiġu annessi d-dokumenti li ġejjin:

(a) skambju ta' emails li permezz tagħhom l-Onor. Bezzina ngħata permess biex jagħmel xogħol privat (anness bħala d-**Dokument E1**);

(b) screenshots mill-midja soċjali dwar avvenimenti tal-kostitwenza, u talbiet għal-leave min-naħa tal-Onor. Bezzina li jikkorrispondu mad-dati ta' dawn l-avvenimenti (annessi bħala d-**Dokument E2**); u

(ċ) lista ta' seduti tal-Awtorità tal-Ippjanar jew bordijiet oħra tal-Awtorità li attenda għalihom l-Onor. Bezzina matul l-2023 u l-2024, u talbiet għal-leave min-naħa tal-Onor. Bezzina li jikkorrispondu mad-dati tas-seduti (annessa bħala d-**Dokument E3**).

**Ftuħ ta' Investigazzjoni**

22. L-Onor. Bezzina ppreżenta tweġiba dettaljata u komprensiva, iżda ma ressaqx provi biex isostni r-risposta tiegħu dwar l-allegazzjoni ewlenija, jiġifieri li ma jidħolx għax-xogħol. Huwa m'għamel ebda referenza għal rekords ta' attendenza u ma annetta ebda dokumentazzjoni ta' dan it-tip. Għalhekk is-sottoskritt deherlu li kellu jiftaħ investigazzjoni formali u jħarrek id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex jixhed quddiemu. Id-Direttur Ġenerali huwa s-superjur dirett tal-Onor. Bezzina fid-dipartiment.

*Xhieda tad-Direttur Ġenerali*

23. Il-Perit Stephen Bonello, Direttur Ġenerali (Xogħlijiet Pubbliċi), xehed fil-25 ta' Frar 2025. Traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu hija annessa bħala d-**Dokument F**.

24. Il-Perit Bonello qal li l-Onor. Bezzina jagħmel xogħol ta' perit, iżda fit-tqassim tax-xogħol jittieħdu in konsiderazzjoni l-impenji tiegħu bħala deputat parlamentari u bħala membru tal-Bord tal-Warrant tal-Periti. L-impenji tal-Onor. Bezzina bħala deputat jinkludu mhux biss seduti parlamentari u laqgħat

ta' kumitati tal-Parlament, iżda anki "*laqgħat ma' għaqdiet u individwi li għandhom x'jaqsmu mal-portafoll* [...] *għax hu jkun is-Shadow Minister*."[9] Il-Bord tal-Warrant tal-Periti jiltaqa' diversi drabi fix-xahar, u dawn il-laqgħat jinvolvu numru konsiderevoli ta' sigħat. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Onor. Bezzina primarjament jingħata xogħol ta' disinn. Proġetti ta' ċertu portata li jirrikjedu monitoraġġ kostanti jingħataw lil periti oħra fid-dipartiment.

25. Mistoqsi jekk qatt kellux rapporti li l-Onor. Bezzina mhux jidħol għax-xogħol, il-Perit Bonello qal: "*Sewwa jiena speċi bil-meetings u l-impenji li jkolli ma noqgħodx niċċekkja kull perit jekk daħalx jew le, però qatt ma kelli rapporti li l-Perit Bezzina ma daħalx għax-xogħol. Barra minn hekk l-uffiċċju tiegħu qiegħed f'sular differenti minn tiegħi, jiġifieri jekk jidħol jiena ġieli lanqas ninduna*."[10]

26. Mistoqsi jekk jinżammx reġistru tal-attendenza, il-Perit Bonello qal:

> *Issa rigward l-attendenza fiżika, il-Perit Bezzina qed jirrifjuta li jiffirma, wara li kien hemm u abbażi ta' tilwima industrijali li kienet qamet mal-Union tal-Periti u l-Inġiniera fis-Settur Pubbliku, fejn din il-union tat direttiva liċ-Chief Architects biex ma jiffirmawx l-attendenza. Issa l-Perit Bezzina huwa Senior Architect. Hu qed jargumenta li peress li f'section 2.3 tad-Data Protection Public Administration Human Resources Corporate Procedures tgħid li persuni fil-kariga ta' Assistenti Diretturi u headship positions ma jiffirmawx attendenza, allura Chief Architect li għandu l-istess grad ta' Assistent Direttur m'għandux għalfejn jiffirma. Issa hu Senior Architect. Allura, barra minn hekk il-Perit Bezzina qed jargumenta wkoll li peress li s-sectoral agreement tal-periti u l-inġiniera*[11] *jpoġġi lis-Senior Architect f'Kategorija A bħaċ-Chief Architect, allura anka Senior Architect m'għandux jiffirma, u għalhekk minn mindu inqalgħet din it-tilwima industrijali mhux qed jiffirma l-attendenza.*[12]

---

9 Dokument F, linji 23–25. L-Onor. Bezzina huwa Shadow Minister għall-Agrikoltura u s-Sajd.

10 Dokument F, linji 79–83.

11 Ftehim settorjali huwa tip ta' ftehim kollettiv li japplika għall-impjegati tal-gvern f'kategorija partikolari u jiddetermina l-paġa u l-benefiċċji tagħhom.

12 Dokument F, linji 85–96.

27. Il-Perit Bonello qal li din il-kwistjoni ilha għaddejja xi sentejn. L-Onor. Bezzina huwa l-uniku Senior Architect li ma jiffirmax ir-reġistru tal-attendenza.

28. Il-Perit Bonello qal li ma jinżammux rekords tal-assenzi tal-Onor. Bezzina minħabba xogħol parlamentari, u l-Onor. Bezzina ma joqgħodx jinnotifikah kull darba li jkollu seduta jew xogħol ieħor tal-Parlament. Mistoqsi jekk għandux xi ftehim mal-Onor. Bezzina rigward it-tip ta' attivitajiet li jista' jassenti ruħu għalihom u t-tip ta' attivitajiet li għandu bżonn jitlob il-leave għalihom, il-Perit Bonello wieġeb "*Le, il-leave huwa dritt tiegħu*."[13] Qal li meta jkollu talba għal-leave ma joqgħodx jistaqsi għalfejn qed jintalab il-leave. Il-Perit Bonello qal ukoll: "*jekk ħa ngħid hekk mar xi attività politika waqt il-ħin tax-xogħol, jien irid ikolli rapport. M'għandix mezz kif ninduna, bħal m'għandix mezz biex ninduna jekk perit ieħor mar jagħmel biċċa xogħol privata waqt il-ħin tax-xogħol*."[14]

29. Mistoqsi x'allowances jieħu l-Onor. Bezzina bħala perit mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, il-Perit Bonello qal li dawn joħorġu mill-ftehim settorjali tal-periti u l-inġiniera. L-Onor. Bezzina jieħu class allowance, mobile phone allowance, qualification allowance (għax għandu postgraduate degree), u car cash fringe benefit, flimkien ma' allokazzjoni ta' fuel li hija limitata għal massimu ta' 150 litru fix-xahar. L-Onor. Bezzina huwa intitolat ukoll għal performance bonus, continuous professional development allowance, u disturbance allowance, iżda dawn ma talabhomx għalkemm periti oħra fid-dipartiment jirċevuhom.

30. Il-Perit Bonello qal li l-periti kollha tad-dipartiment huma intitolati li jagħmlu xogħol privat, basta jġibu l-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi. Qal li jeżistu regoli dwar konflitt ta' interess: "*per eżempju ma tistax taħdem ma' kuntrattur li qed jagħmel xogħol mal-istess dipartiment tiegħek*". Iżda ammetta li diffiċli għad-dipartiment li jsir jaf jekk xi perit ma josservax dawn ir-regoli: "*Irid jiġi każ quddiemek biex issir taf bih*".[15]

---

13 Dokument F, linja 261.

14 Dokument F, linji 278–280.

15 Dokument F, linji 232–233 u 238.

*Nota ta' sottomissjonijiet tal-Onor. Bezzina*

31. Fis-7 ta' Marzu 2025, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Onor. Bezzina (**Dokument G**) sabiex jinformah li fetaħ investigazzjoni formali, jibgħatlu kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Perit Bonello, u joffrilu l-opportunità biex jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub. L-Onor. Bezzina ġie informat ukoll li kien se jirċievi ittra separata bħala taħrika biex jixhed, b'mod partikolari dwar l-iffirmar tar-reġistru tal-attendenza.

32. Fit-18 ta' Marzu 2025, l-Onor. Bezzina bagħat nota ta' sottomissjonijiet iffirmata mill-Avukat Alex Perici Calascione f'ismu (**Dokument H**). Din in-nota tittratta fost affarijiet oħra dwar il-kwistjoni tal-iffirmar tar-reġistru tal-attendenza. In-nota tgħid li din il-kwistjoni tmur lura sa meta l-Onor. Bezzina kien membru tal-kumitat eżekuttiv tal-Union tal-Periti u l-Inġiniera tas-Settur Pubbliku. In-nota tgħid ukoll li:

(a) il-klawżola 4.1 tal-ftehim settorjali tal-periti u l-inġiniera mal-gvern iqiegħed il-gradi ta' Chief Architect and Civil Engineer u Senior Architect and Civil Engineer fil-Kategorija A, li hija l-ogħla faxxa ta' gradi fis-servizz pubbliku;

(b) it-taqsima 2.13 ta' dokument tal-gvern imsejjaħ *Data Protection Public Administration Human Resources Corporate Procedures* tgħid "*All office personnel, with the exception of Assistant Directors and headship positions are to record their attendance daily on an attendance sheet (or on other electronic attendance devices) when reporting for work*";

(ċ) dawn il-karigi huma fil-Kategorija A, bħall-grad ta' Chief Architect and Civil Engineer (li huwa ekwivalenti għal dak ta' Assistent Direttur fis-servizz pubbliku) u l-grad ta' Senior Architect and Civil Engineer, li huwa wkoll headship position, u għaldaqstant min hu f'dan il-grad m'għandux ikun obbligat jiffirma r-reġistru tal-attendenza;

(d) fi kwalunkwe każ, din hija kwistjoni purament industrijali u ma tinkwadrax taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

33. Kopji tad-*Data Protection Public Administration Human Resources Corporate Procedures* u l-ftehim settorjali tal-periti u l-inġiniera ġew annessi man-nota. Dawn id-dokumenti mhumiex inklużi ma' dan ir-rapport għaliex ir-

relevanza tagħhom hija limitata għall-punti elenkati fuq. Barra minn dan, il-*Corporate Procedures* huma aċċessibbli għall-pubbliku.[16]

*Ix-xhieda tal-Onor. Bezzina*

34. L-Onor. Bezzina xehed quddiem is-sottoskritt fl-24 ta' Marzu 2025 (traskrizzjoni annessa bħala d-**Dokument I**). Fir-rigward tar-reġistru tal-attendenza, huwa qal: "*Issa jiena ħassejt illi la qegħda fil-ftehim settorjali illi aħna ma niffirmawx, jien m'għandix niffirma. Bgħatt ir-raġunijiet tiegħi lid-dipartiment għal darba darbtejn, però raġuni għal xiex jien għandi niffirma għadhom ma tawnix.*"[17] Spjega li d-dipartiment kitiblu darbtejn, f'Jannar u Marzu tal-2025, biex jitolbu spjegazzjoni għalfejn mhux jiffirma r-rassenja, u kull darba huwa ta r-raġunijiet tiegħu b'risposta.

35. L-Onor. Bezzina qal li ilu deputat parlamentari mill-2013, u għal ħafna snin wara li sar deputat baqa' jiffirma r-reġistru tal-attendenza b'mod regolari. Kien biss fl-aħħar sentejn, b'riżultat tal-ftehim settorjali, li ma baqax jiffirma.

36. Fir-rigward tal-impenji parlamentari u l-impatt fuq ix-xogħol tiegħu, l-Onor. Bezzina qal:

> *Jien ifhimni nagħmel xogħoli normali kif kont nagħmlu u bqajt nagħmlu, regolarment, imbagħad jiena nemmen li hemm sens tal-irġulija. Tgħidli sens tal-irġulija fiex? Illi jekk jiena kelli bzonn meeting u mort sagħtejn waqt il-ħin tax-xogħol, ħdimthom filgħaxija, ġieli ħdimthom filgħaxija, ġieli dħalt fl-erbgħa ta' filgħodu x-xogħol, ifhimni mhux l-ewwel darba, fl-erbgħa ta' filgħodu u jekk għandi meeting matul il-ġurnata flok nidħol fis-sebgħa ngħid ħa nidħol fl-erbgħa ta' filgħodu u jekk għandi tliet siegħat barra, dawk it-tliet siegħat inkun pattejt għalihom ukoll.*[18]

37. L-Onor. Bezzina ppreżenta kopji ta' skambji ta' emails mad-Direttur Ġenerali tad-dipartiment tiegħu dwar l-iffirmar tar-reġistru tal-attendenza. Dawn l-iskambji, datati 9–10 ta' Jannar 2025 u 13–24 ta' Marzu 2025, huma annessi bħala d-**Dokumenti J u K** rispettivament. Il-pożizzjoni tal-Onor. Bezzina kif spjegata f'dawn l-iskambji hija konsistenti mad-Dokument H.

---

[16] Ara https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Research-Personnel-Systems/Corporate%20Procedures%202024.pdf.

[17] Dokument I, linji 31–34.

[18] Dokument I, linji 61–67.

38. L-Onor. Bezzina ppreżenta kopji ta' skambji oħra li kellu mad-Direttur Ġenerali u persuni oħra fil-kors tax-xogħol tiegħu matul ix-xhur ta' Diċembru 2024 u Jannar 2025. Dawn juru li l-Onor. Bezzina ta' spiss bagħat emails fuq xogħol wara l-ħdax ta' billejl u bejn l-erbgħa u l-ħamsa ta' filgħodu. Dawn l-iskambji mhumiex annessi peress li din hija l-unika relevanza tagħhom.

*Noti ta' sottomissjonijiet finali*

39. L-għada li xehed, jiġifieri fil-25 ta' Marzu 2025, l-Onor. Bezzina bagħat nota oħra ta' sottomissjonijiet iffirmata mill-Avukat Perici Calascione (**Dokument L**). Din in-nota għandha annessi magħha kopji ta 11-il rassenja tal-attendenza bil-firma tal-Onor. Bezzina li jkopru perjodi bejn Ġunju 2020 u April 2021. Dawn intbagħtu bħala konferma li huwa kien jiffirma l-attendenza qabel it-8 ta' Ottubru 2021, meta ġie konkluż il-ftehim settorjali.

40. Fl-10 ta' April 2025, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Onor. Bezzina għal darb'oħra (**Dokument M**) biex fuq talba tiegħu stess jibgħatlu kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu, u biex joffrilu opportunità aħħarija biex jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub.

41. Fl-24 ta' April 2025, l-Onor. Bezzina bagħat nota ta' sottomissjonijiet finali mill-Avukat Perici Calascione (**Dokument N**). Din in-nota tgħid li l-Ilmentatur ma ressaq ebda provi oġġettivi biex jissostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu, u għandu jirriżulta mingħajr ekwivoku li:

(a) mhux minnu li l-Onor. Bezzina ma jmurx għax-xogħol u jitħallas ta' xejn;

(b) mhux minnu li l-Onor. Bezzina jagħmel xogħol privat mingħajr permess;

(ċ) mhux minnu li l-Onor. Bezzina jieħu fuel li mhux intitolat għalih; u

(d) in-nuqqas ta' iffirmar tar-reġistru tal-attendenza hija kwistjoni industrijali li m'għandha x'taqsam xejn mal-imġiba tal-Onor. Bezzina bħala deputat parlamentari.

42. In konnessjoni mal-aħħar punt, l-Avukat Perici Calascione annetta kopja ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għall-kariga ta' Senior Architect and Civil Engineer mal-gvern. Din is-sejħa tgħid li min jintgħażel ikun suġġett għall-benefiċċji u l-kundizzjonijiet imniżżlin "*fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern ta' Malta u l-Union kompetenti*", u b'hekk tikkonferma li l-grad tal-Onor. Bezzina huwa suġġett għall-ftehim settorjali tal-periti u l-inġiniera. Is-sejħa in kwistjoni mhix annessa peress li din hija l-unika relevanza tagħha.

**Konsiderazzjonijiet**

*L-allegazzjonijiet tal-Ilmentatur*

43. L-Ilmentatur allega li l-Onor. Perit Toni Bezzina:

(a) ma jidħolx għax-xogħol; u

(b) jagħmel xogħol privat waqt il-ħin tax-xogħol.

44. Rigward l-allegazzjoni (a), id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi xehed li qatt ma kellu rapporti li l-Onor. Bezzina mhux jidħol għax-xogħol, għalkemm kien xi ftit ekwivoku għaliex xehed ukoll li ma jistax personalment jivverifika l-attendenza tal-Onor. Bezzina. Magħdud ma' dan hemm it-talbiet ta' leave mill-Onor. Bezzina li jikkorrispondu ma' avvenimenti tal-kostitwenza u xogħol privat; u l-iskambji ta' emails (mhux annessi) tal-Onor. Bezzina fil-kapaċità tiegħu ta' perit mal-gvern, li saħansitra juru li bagħat emails fuq xogħol ferm qabel u wara l-ħinijiet regolari tax-xogħol. Fid-dawl ta' dan kollu jirriżulta li m'hemmx provi biex isostnu din l-allegazzjoni.

45. Rigward l-allegazzjoni (b), dan l-Uffiċċju għandu l-lista fornuta mill-Ilmentatur ta' applikazzjonijiet għal permessi għall-iżvilupp li l-Onor. Bezzina kien risponsabbli għalihom, iżda din fiha nnifisha mhix prova li hu għamel xogħol privat waqt il-ħin tax-xogħol. Dan l-Uffiċċju għandu wkoll id-dikjarazzjoni tal-Onor. Bezzina li huwa jifforma parti minn ditta flimkien ma' tmien persuni oħra (li pprovda dettalji dwarhom lil dan l-Uffiċċju), kif ukoll il-provi fornuti mill-Onor. Bezzina li huwa talab il-leave biex jattendi seduti ta' bordijiet fl-Awtorità tal-Ippjanar. Għaldaqstant m'hemmx provi biżżejjed biex isostnu din l-allegazzjoni.

46. Madankollu, is-sottoskritt iħossu obbligat iqajjem xi punti li joħorġu minn dan il-każ u jagħtu lok għat-tħassib.

*Ir-rilaxx mix-xogħol minħabba xogħol parlamentari*

47. Fix-xhieda tiegħu il-Perit Stephen Bonello, Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, jagħti x'jifhem li l-Onor. Bezzina jassenti ruħu mid-dipartiment biex jattendi mhux biss seduti tal-Parlament jew laqgħat ta' kumitati parlamentari, iżda anki laqgħat ma' għaqdiet u individwi li huwa jkollu bħala Shadow Minister għall-Agrikoltura u s-Sajd.

48. Wieħed għandu jikkunsidra jekk dawn il-laqgħat għandhomx jitqiesu bħala xogħol parlamentari, u allura deputat parlamentari li huwa impjegat pubbliku jista' jattendihom waqt il-ħin tax-xogħol, jew inkella bħala xogħol politiku li mhux kopert minn din il-faċilità. Din hija "grey area" li għandha tiżdied ma' dawk identifikati mill-Kummissarju għall-Istandards preċedenti fir-rapport tiegħu dwar il-każ K/021 (ara l-paragrafi 12 u 13 fuq), u bħalhom għandha tiġi riżolta.

49. Fl-istess rapport, il-Kummissarju preċedenti rrakkomanda li għandhom jiġu introdotti mekkaniżmi biex jiżguraw li l-faċilità ta' rilaxx mix-xogħol mhix qed tiġi abbużata. Biss, il-Perit Bonello jgħid fix-xhieda tiegħu li huwa m'għandux mezz kif ikun jaf jekk l-Onor. Bezzina marx għal xi attività politika waqt il-ħin tax-xogħol. Lanqas biss għandu ftehim mal-Onor. Bezzina dwar it-tip ta' attivitajiet li huwa jista' jattendi waqt il-ħin tax-xogħol.

50. Jidher għalhekk li din ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju preċedenti għadha ma ġietx imwettqa. Għandha tittieħed inizjattiva ċentrali għal dan il-għan: il-gvern ma jistax iħalli f'idejn il-kapijiet ta' dipartimenti u entitajiet individwali.

*Ir-reġistru tal-attendenza*

51. Mhux ċar meta l-Onor. Bezzina beda jirrifjuta li jiffirma r-reġistru tal-attendenza fid-dipartiment tiegħu. Sew hu u sew il-Perit Bonello xehdu li din il-kwistjoni ilha għaddejja madwar sentejn, iżda n-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-Onor. Bezzina fil-25 ta' Marzu 2025 (Dokument L) tindika li l-kwistjoni nqalgħet f'Ottubru 2021, meta ġie ffirmat il-ftehim settorjali dwar il-periti u l-inġiniera mal-gvern.

52. Fi kwalunkwe każ, jidher li l-Onor. Bezzina baqa' jiffirma r-reġistru tal-attendenza b'mod regolari għal snin twal wara li tela' fil-Parlament għall-ewwel darba fl-2013. Għalhekk is-sottoskritt jaċċetta li din il-kwistjoni mhix relatata mal-irwol tal-Onor. Bezzina bħala deputat parlamentari, u għaldaqstant ma taqax fil-kompetenza ta' dan l-Uffiċċju.

53. Madankollu, is-sottoskritt iħossu obbligat josserva li hija sitwazzjoni anomala għall-aħħar li impjegat individwali qed jieħu azzjoni industrijali mingħajr il-barka tal-union tiegħu. Barra minn hekk, huwa evidenti mal-ewwel daqqa t'għajn li din l-azzjoni hija bbażata fuq premessa żbaljata. Jekk il-grad ta' Chief Architect and Civil Engineer huwa fil-livell ta' Assistent Direttur (ara l-

paragrafu 32 fuq), mela l-grad tal-Onor. Bezzina – jiġifieri dak ta' Senior Architect and Civil Engineer, li huwa grad 'l isfel – ma jistax ikun "headship position", għaliex dan it-terminu jirreferi biss għal karigi fil-livell ta' Direttur u Direttur Ġenerali.[19] Is-sottoskritt ma jifhimx għalfejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ħalla din is-sitwazzjoni għaddejja.

*Ix-xogħol privat tal-periti mal-gvern*

54. Il-periti impjegati mal-gvern għandhom il-faċilità li jagħmlu xogħol privat, basta jġibu permess mingħand is-Segretarju Permanenti tagħhom. Id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi xehed li hemm regoli maħsuba biex jevitaw li jqumu kunflitti ta' interess mix-xogħol privat tal-periti, iżda qal ukoll li d-dipartiment m'għandux mezzi biex jiżgura li dawn ir-regoli jiġu osservati.

55. Din is-sitwazzjoni hija preokkupanti meta wieħed jikkunsidra li parti mix-xogħol ta' perit mal-gvern huwa li jiżgura li xogħlijiet pubbliċi jsiru sew, u dawn ix-xogħlijiet jistgħu jiswew il-miljuni. Deċiżjoni ta' perit fil-qadi ta' dan id-dmir tista' tfisser somom kbar fi profitt jew telf għall-kuntrattur konċernat. Għalhekk huwa partikolarment importanti li f'dan il-qasam ikun hemm mekkaniżmi effettivi biex jevitaw kunflitti ta' interess.

56. Is-sottoskritt qed iqajjem dan il-punt bħala osservazzjoni ġenerali. Dan ma jirreferix għall-Onor. Bezzina.

**Konklużjonijiet**

57. Għar-raġunijiet mogħtija fuq, is-sottoskritt ma rriskontrax provi biżżejjed biex isib ksur ta' etika da parti tal-Onor. Bezzina kif allegat, u jagħlaq il-każ.

58. Is-sottoskritt itenni r-rakkomandazzjonijiet magħmula erba' snin u nofs ilu mill-Kummissarju għall-Istandards preċedenti sabiex:

(a) jiġi ċċarat jekk deputat parlamentari li huwa impjegat pubbliku jistax jiġi rilaxxat mix-xogħol biex jattendi laqgħat tal-grupp parlamentari tiegħu, jew biex jagħmel xogħol bħala whip jew viċi-kap tal-partit għall-affarijiet

---

[19] Ara l-*Manual Regarding Headship and Assistant Director Positions in the Malta Public Service*, li huwa aċċessibbli minn https://publicservice.gov.mt/en/public-service-management-code-page.

parlamentari: dan l-eżerċizzju għandu jikkunsidra wkoll laqgħat u avvenimenti li d-deputat jattendi fil-kapaċità ta' shadow minister; u

(b) jiġu introdotti mekkaniżmi sabiex id-dipartimenti u l-entitajiet pubbliċi li jħaddmu deputati parlamentari jkunu jistgħu jiżguraw li l-faċilità ta' rilaxx mhix qed tiġi abbużata.

59. Is-sottoskritt jirrakkomanda wkoll li:

(a) għandha tiġi riżolta minnufih il-kwistjoni dwar jekk Senior Architect and Civil Engineer huwiex obbligat jiffirma r-reġistru tal-attendenza; u

(b) għandhom jiġu introdotti mekkaniżmi biex jiżguraw li r-regoli dwar kunflitti ta' interess jiġu mħarsa minn periti tal-gvern li qed jagħmlu xogħol privat.

60. Kopji ta' dan ir-rapport se jintbagħtu lill-Ilmentatur, lill-Onor. Toni Bezzina, u lill-Kumitat Parlamentari għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se tintbagħat anki lis-Segretarju Permanenti Ewlieni in vista tar-rakkomandazzjonijiet fuq. Se titqiegħed ukoll kopja fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| **Dokument** | **Deskrizzjoni** | **Fol. tal-Kumpilazzjoni** |
|---|---|---|
| Dokument A | Email datata 14 ta' Novembru 2024 mingħand is-Sur Neville Gafà. | 001 |
| Dokument B | Ittra datata 18 ta' Novembru 2024 lis-Sur Gafà. | 003 |
| Dokument Ċ | Email datata 24 ta' Novembru 2024 mingħand is-Sur Gafà. | 004 |
| Dokument Ċ1 | Dokument li juri kemm l-Onor. Bezzina ngħata fuel għall-karozza tiegħu minn Jannar sa Novembru 2024. | 005 |
| Dokument Ċ2 | Lista ta' applikazzjonijiet għal permessi tal-iżvilupp li ħadem fuqhom l-Onor. Bezzina bejn Novembru 2023 u Novembru 2024. | 006 |
| Dokument D | Ittra datata 28 ta' Novembru 2024 lill-Onor. Perit Toni Bezzina. | 008 |
| Dokument E | Ittra datata 30 ta' Diċembru 2024 mingħand l-Onor. Bezzina. | 009 |
| Dokument E1 | Skambju ta' emails datati 2 sa 18 ta' Ottubru 2024 bejn is-Sur Alvin-John Borg u l-Onor. Bezzina. | 022 |
| Dokument E2 | Screenshots dwar avvenimenti politiċi, u talbiet għal-leave mill-Onor. Bezzina li jikkorrispondu mad-dati tal-avvenimenti. | 027 |
| Dokument E3 | Lista ta' seduti tal-Awtorità tal-Ippjanar jew bordijiet oħra fi ħdanu, u talbiet għal-leave mill-Onor. Bezzina li jikkorrispondu mad-dati tas-seduti. | 040 |
| Dokument F | Traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-Perit Stephen Bonello, Direttur Ġenerali (Xogħlijiet Pubbliċi), fil-25 ta' Frar 2025. | 084 |
| Dokument G | Ittra datata 7 ta' Marzu 2025 lill-Onor. Bezzina. | 093 |
| Dokument H | Nota ta' sottomissjonijiet mill-Avukat Alex Perici Calascione li ġiet riċevuta minn dan l-Uffiċċju fit-18 ta' Marzu 2025. | 095 |

| Dokument | Deskrizzjoni | Fol. tal-Kumpilazzjoni |
|---|---|---|
| Dokument I | Traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-Onor. Bezzina fl-24 ta' Marzu 2025. | 103 |
| Dokument J | Skambju ta' emails datati 9 sa 10 ta' Jannar 2025 bejn l-Onor. Bezzina u d-dipartiment tiegħu. | 114 |
| Dokument K | Skambju ta' emails datati 13 sa 24 ta' Marzu 2025 bejn l-Onor. Bezzina u d-dipartiment tiegħu. | 116 |
| Dokument L | Nota ta' sottomissjonijiet mill-Avukat Alex Perici Calascione li ġiet riċevuta minn dan l-Uffiċċju fil-25 ta' Marzu 2025. | 120 |
| Dokument M | Ittra datata 10 ta' April 2025 lill-Onor. Bezzina. | 135 |
| Dokument N | Nota ta' sottomissjonijiet mill-Avukat Alex Perici Calascione li ġiet riċevuta minn dan l-Uffiċċju fl-24 ta' April 2025. | 136 |

DOKUMENT A

**From:** Neville Gafà
**To:** Office
**Subject:** Lment Numru 2
**Date:** 14 November 2024 13:32:34

Dr Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
il-Belt Valletta VLT 1210,
Malta

Ilmentatur: Neville Gafà

Data tal-Ilment: il-Ġimgħa 15 ta' Novembru 2024

L-Ilment:

Jirrigwarda l-Onorevoli Anthony Bezzina, Membru Parlamentari Partit Nazzjonalista - L-Erbatax-il Leġislatura li ġġib il-bidu tagħha 2022.

Illi l-Onorevoli Anthony Bezzina huwa impjegat fi ħdan id-Dipartiment tal-Public Works bħala Senior Architect & Civil Engineer.

Illi l-Onorevoli Anthony Bezzina suppost ikun qiegħed jaħdem fi ħdan id-Dipartiment tal-Public Works, imma ma jmurx għax-xogħol.

Illi l-Onorevoli Anthony Bezzina ma jirrapurtax għax-xogħol, b'allegazzjonijiet li sikwit ikun qiegħed jagħmel ix-xogħol privat tiegħu fl-istess ħin, iżda jieħu l-paga xorta waħda.

Sur Kummissarju,

Kull Deputat Parlamentari huwa marbut bil-kodiċi ta' etika għad-Deputati li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu f'kull waqt, sew jekk ġewwa jew barra l-Kamra, iġib ruħu b'mod li jkun jixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati.

Nemmen li meta l-Onorevoli Anthony Bezzina mhux jirrapporta fuq il-post tax-xogħol u addirittura jibqa' jitħallas b'mod regolari, u mill-flus il- poplu, allura qed jikser il-kodiċi ta' etika għad-Deputati.

L-Onorevoli Anthony Bezzina qed jonqos milli jsegwi l-obbligu etiku jew dmir ieħor li joħroġ mil-liġi. F' dan il-każ għaliex huwa impjegat maċ-ċivil u allura mħallas mill-Istat.

Għaldaqstant, permezz ta' dan il-komunikat, qed ġentilment nitolbok tinvestiga lill-Onorevoli Anthony Bezzina għal dan l-abbuż li jista' jirriżulta fi ksur tal- kodiċi ta' etika għad-Deputati.

Tislijiet

Neville Gafà
ID [redacted]

+356 [redacted]

[redacted]

Sent from Proton Mail for iOS

DOKUMENT B

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

18 ta' Novembru 2024

Is-Sur Neville Gafà

Bl-email fuq [redacted]

Sur Gafà,

**Ilment numru 188 kontra l-Perit Anthony Bezzina**

Nirreferi għall-ilment tiegħek tal-14 ta' Novembru 2024, fejn inti allegajt li l-Perit Anthony Bezzina mhuwiex jidħol għax-xogħol bħala Senior Architect and Civil Engineer mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u li sikwit jagħmel xogħol privat waqt il-ħin tax-xogħol.

Nosserva li inta ma pprovdejt ebda informazzjoni dwar il-bażi ta' dawn l-allegazzjonijiet. Bħala prattika stabbilita ta' dan l-Uffiċċju, min jagħmel ilment huwa mistenni li jissostanzjah b'xi mod, imqar b'riferenza għal rapporti fil-midja.

Għalhekk, sabiex inkun f'pożizzjoni li niddetermina jekk għandix ninvestiga dan l-ilment jew le, inti ġentilment mitlub tindika fuq liema bażi qiegħed tagħmel dan l-ilment.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**From:** Neville Gafà
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Lment Numru 2
**Date:** 24 November 2024 19:15:41
**Attachments:** Fuel_Anthony Bezzina.pdf
Last Decision by Perit - 15-11-2024 2.xls

---

Sur Polidano,

Insellimlek.

Qed nibghatlek dokumenti relatati mal-Onor. Tony Bezzina.

Dokument minnhom juri kemm kkonsma fuel
din is-sena sal-1 ta' Novembru 2024.

Dokument ieħor juri lista ta' xogħol privat li l-Onor. Bezzina wettaq waqt il-ħin tax-xogħol.

Applikazzjoni privati tiegħu. Kollha office hours.

Għall-attenzjoni ġentili tiegħek.

Tislijiet.

Neville Gafà
International Business Consultant

+356 [redacted]

[redacted]

Sent from Proton Mail for iOS

On Mon, Nov 18, 2024 at 12:34, Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt> wrote:

Sur Gafà,

| Supply Date | Department | Section | Vehicle | Fuel Station | Amt. Litres | Amt. Euro | Euro/Ltr. | Standard Price Euro/Ltr. | Fuel Type | Requester | Requester | Requester |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 18/01/2024 | MTIP - DG Public Works | Director General Office | [redacted] | Msd Kordin Fuel Station | 45 | 54.45 | 1.21 | 1.21 | Diesel | [redacted] | ANTHONY | BEZZINA |
| 09/02/2024 | MTIP - DG Public Works | Director General Office | [redacted] | Msd Kordin Fuel Station | 48 | 58.08 | 1.21 | 1.21 | Diesel | [redacted] | ANTHONY | BEZZINA |
| 12/03/2024 | MTIP - DG Public Works | Director General Office | [redacted] | Msd Kordin Fuel Station | 48 | 58.08 | 1.21 | 1.21 | Diesel | [redacted] | ANTHONY | BEZZINA |
| 08/04/2024 | MTIP - DG Public Works | Director General Office | [redacted] | Msd Kordin Fuel Station | 45 | 54.45 | 1.21 | 1.21 | Diesel | [redacted] | ANTHONY | BEZZINA |
| 26/04/2024 | MTIP - DG Public Works | Director General Office | [redacted] | Msd Kordin Fuel Station | 41 | 49.61 | 1.21 | 1.21 | Diesel | [redacted] | ANTHONY | BEZZINA |
| 15/05/2024 | MTIP - DG Public Works | Director General Office | [redacted] | Msd Kordin Fuel Station | 40 | 48.4 | 1.21 | 1.21 | Diesel | [redacted] | ANTHONY | BEZZINA |
| 05/06/2024 | MTIP - DG Public Works | Director General Office | [redacted] | Msd Kordin Fuel Station | 37 | 44.77 | 1.21 | 1.21 | Diesel | [redacted] | ANTHONY | BEZZINA |
| 12/06/2024 | MTIP - DG Public Works | Director General Office | [redacted] | Msd Kordin Fuel Station | 38 | 50.92 | 1.34 | 1.34 | Unleaded | [redacted] | ANTHONY | BEZZINA |
| 12/07/2024 | MTIP - DG Public Works | Director General Office | [redacted] | Msd Kordin Fuel Station | 40 | 48.4 | 1.21 | 1.21 | Diesel | [redacted] | ANTHONY | BEZZINA |
| 08/08/2024 | MTIP - DG Public Works | Director General Office | [redacted] | Msd Kordin Fuel Station | 43 | 52.03 | 1.21 | 1.21 | Diesel | [redacted] | ANTHONY | BEZZINA |
| 01/10/2024 | MTIP - DG Public Works | Director General Office | [redacted] | Msd Kordin Fuel Station | 48 | 58.08 | 1.21 | 1.21 | Diesel | [redacted] | ANTHONY | BEZZINA |
| 01/11/2024 | MTIP - DG Public Works | Director General Office | [redacted] | Msd Kordin Fuel Station | 48 | 58.08 | 1.21 | 1.21 | Diesel | [redacted] | ANTHONY | BEZZINA |
| | | | | | 521 | | | | | | | |

**PAs Last Decision (not withdrawn) decided for Perit Anthony C Bezzina - Warrant No: 0519**

| PA No. | LastDcnDate | Dcn | Level | FullName | Location | Proposal |
|---|---|---|---|---|---|---|
| PA/02369/24 | 04/10/2024 | GTD | PCDPA | Anthony C Bezzina | 28, Triq San Gorg, Zurrieq | Sanctioning of property from approved PA/07464/20. |
| PA/01962/24 | 30/08/2024 | GTD | PCDPB | Anthony C Bezzina | Driveway, Garage 3, Triq Sant' Anglu, Birzebbuga | Sanctioning of existing garage. |
| PA/01854/23 | 28/06/2024 | GTD | PCDPA | Anthony C Bezzina | Agricultural Field at, Sqaq Ballott, Taz-Ziju, Zurrieq | To sanction the rebuilding of a pre-1968 agricultural tools room and reservoirs. |
| PA/02580/24 | 25/06/2024 | GTD | SUMBA | Anthony C Bezzina | Gnien L-Istazzjon, Pjazza il-Ferrovija, Birkirkara | Sanctioning of Train Wagon Shelter at Gnien l-iStazzjon, Birkirkara. |
| PA/02026/23 | 14/06/2024 | GTD | PCDPA | Bezzina, Perit Anthony C | 185, Bakersnacks, Triq San Gorg Preca, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, Triq Miggiani, Hamrun | Proposed tables and chairs and to sanction minor changes to facade as approved on PA3279/21. |
| PA/05217/23 | 29/05/2024 | CDIS | PCDPBRCN | Anthony C Bezzina | Plot A, Vjal l-Indipendenza, Zurrieq | To sanction garage door material and external ramp. Proposed change of use from garage to retail Class 4B, proposed bathroom, external door, fascia sign and enclosed services area. |
| PA/00914/21 | 24/04/2024 | VOID | CRT | Bezzina, Perit Anthony C | 95, Triq il-Bazilika, Mosta | Change of use from garage to child care center Class 2C, minor interior and exterior alterations and installation of new sign. |
| PA/07033/22 | 20/03/2024 | GTD | PCDPB | Anthony C Bezzina | 33, GG Garage, Triq Bubaqra, Zurrieq | To sanction minor internal and external alterations from approved PA/8538/20, such as openings, shifted walls and changes to the façade. |
| PA/00506/23 | 02/02/2024 | GTD | PCDPB | Anthony C Bezzina | 2, 3, Triq Congreve & 3, Triq San Pietru, Wied iz-Zurrieq, Qrendi | Demolition of an existing boathouse, store, and existing/approved Class 4D establishment and ancillary services in PA/00367/13. Proposed Class 4D restaurant and ancillary services at ground and basement floors; Class 4B retail shop and Class 4C cafeteria at elevated ground floor and two Apartments on overlaying floors, including the construction of two cesspits. |

| PA No. | LastDcnDate | Dcn | Level | FullName | Location | Proposal |
|---|---|---|---|---|---|---|
| PA/08187/21 | 31/01/2024 | GTD | PCDPA | Anthony C Bezzina | Kirkop United F C, Triq Gnien Rousset, Kirkop | To sanction internal and external alterations to approved clubhouse at roof floor level in PA06198/16. Sanctioning includes store from approved lift shaft, shifted windows and walls, outdoor timber structures at roof floor level and grey aluminium apertures from approved timber-like aluminium apertures and proposed solar panels and parapet wall at roof floor level. |
| PA/04972/21 | 30/01/2024 | CUPH | PCDPARCN | Anthony C Bezzina | 27, Triq Santu Rokku, Bubaqra, Zurrieq | Proposed partial demolition of existing townhouse, creation of garage and construction of three apartments |
| PA/04843/23 | 19/12/2023 | GTD | PCDPA | Anthony C Bezzina | 5, 6, Triq it-Tempesta, Qrendi | Proposed construction of reservoir and pump room. |
| PA/04714/21 | 12/12/2023 | APD | APL | Anthony C Bezzina | Flat 1, Block B, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Zebbug (Gozo) | Proposed excavation of existing bedrock, minor internal alterations and additional study and backyard |

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

28 ta' Novembru 2024

L-Onor. Toni Bezzina

Bl-email fuq
[redacted]

Onorevoli,

**Ilment nru 188 dwar l-attendenza tiegħek fuq il-post tax-xogħol**

Irċevejt ilment fejn qed jiġi allegat li inti m'intix tidħol għax-xogħol bħala perit mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u li sikwit tagħmel xogħol privat waqt il-ħin tax-xogħol. L-ilment huwa mehmuż ma' din l-ittra.

Dan l-Uffiċċju talab lill-ilmentatur jindika fuq liema bażi qiegħed jagħmel dawn l-allegazzjonijiet. Ir-risposta tiegħu, flimkien ma' żewġ dokumenti annessi, qegħda tiġi trattata bħala parti mill-ilment u hija mehmuża wkoll.

Jiena qed nikkunsidra dan l-ilment fid-dawl tal-artikoli 1, 3, 4 u 6 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

Għall-finijiet tal-indaġni preliminari tiegħi, sabiex nistabbilixxi jekk hemmx lok għal investigazzjoni ta' dan l-ilment skont l-Att, inti ġentilment mitlub tagħti r-reazzjonijiet tiegħek b'mod ġenerali dwar l-ilment. B'mod partikolari, inti mitlub tinformani jekk hux minnu li m'intix tidħol għax-xogħol u li tagħmel xogħol privat, u jekk għandekx approvazzjoni formali għaż-żewġ għanijiet mingħand id-dipartiment tiegħek.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 3 ta' Jannar 2025**. Aktar tard, jekk niddeċiedi li għandi ninvestiga dan il-każ, tista' tintalab tikkonferma r-risposta tiegħek bil-ġurament.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.mt www.standardscommissioner.mt

DOKUMENT E

30 ta' Dicembru 2024

Onor. Prim Imhallef Emeritu Joseph Azzopardi,
Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika,
Ufficcju tal- Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika,
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210.

Kummisarju,

**Re: Ilment 188 dwar attendenza fuq il-post tax-xoghol.**

Nirrefereri ghall-Ittra tieghek datata 28 ta' Novembru 2024 li permezz taghha nformajtni dwar l-Ilment fuq citat li gie registrat fuq talba ta' Neville Gafa' permezz ta' email datata 15 ta' Novembru 2024.

L-ilment dettaljat fl-email fuq citata huwa ezatt is-segwenti:

JA: Eh, imma naturalment ix-xogħol privat ma jistax isir waqt il-ħin tax-xogħol tagħkom hux hekk?

SB: Ma jistax isir.

JA: U għandkom sistema ta' kif – naf li diffiċli ifhimni għax-xogħol fuq barra, naf li diffiċli tikkontrolla.

SB: Diffiċli, diffiċli.

JA: Eh, u again anka l-kwistjoni ta' konflitt ta' interess bejn xogħol privat u-xogħol -

SB: Eżattament, eżattament, ma jridx ikun hemm xogħol f'konflitt ta' interess, per eżempju ma tistax taħdem ma' kuntrattur li qed jagħmel xogħol mal-istess dipartiment tiegħek, ma tistax taħdem fuq proġetti illi, id-dipartiment huma tiegħu u tmur taħdem mal-kuntrattur inti, jiġifieri.

JA: Ok jiena min-naħa tiegħi daqshekk, għandkom xi domandi oħra intom?

CP: Isir xi monitoring tagħha din jekk perit hux qiegħed f'sitwazzjoni ta' konflitt ta' interess?

SB: Eh diffiċli taqbadha, diffiċli tinduna. Irid jiġi każ quddiemek biex issir taf bih, biex inti tinduna u tgħid dan kif qed jaħdem ma' din il-persuna jew ma' din il-kumpanija jew kuntrattur, jiġifieri diffiċli taqbadha.

CP: Min-naħa tal-Perit Bezzina, hu l-uniku perit illi jirrapporta direttament lilek? Għax hu qiegħed stazzjonat bħala unit fl-uffiċċju tad-DG, hux hekk?

SB: Iva, iva.

CP: Hu l-uniku wieħed hekk?

SB: Iva. Umbagħad għandi inġiniera wkoll imma, jiġifieri nzomm qisu bħala technical staff direttament taħti. Imma bħala perit huwa l-unika wieħed.

CP: Sewwa, sewwa. U dina minħabba r-role tiegħu fil-Parlament jew?

SB: Le, anzi ħa nikkoreġi, għax hemm perita, perita oħra illi qegħda taħti, dan ir-raġuni kien hemm proġett ta' tal-EU, kont speċi qisu żammejtu taħt il-kappa tiegħi, allura din il-perit ukoll qegħda taħt l-uffiċċju tiegħi.

CP: Sewwa, u fil kaz tiegħu x'inhi r-raġuni li qiegħed fl-uffiċċju tad-DG?

SB: Hmm, m'hemm l-ebda raġuni partikolari ħa ngħid hekk, eh kif għidtlek minħabba restrizzjonijiet tat-tip ta' xogħol illi jingħata preferejt illi jiena nzommu taħt il-, l-uffiċċju tiegħi u ngħaddilu x-xogħol dirett jien.

CP: Sewwa. Hmm, as regards ix-xogħol tiegħu mhux tal-Parlament, tal-kostitwenza, hmm inti hemm sistema ta' hu jitlob il-leave għal dak it-tip ta' xogħol jew -

SB: Iva. Hu jitlob il-leave, issa għalfejn jitolbu jiena ma nkunx naf sewwa. Hu jitlob il-leave u jiena napprovalu f'dak il-każ.

CP: Imma inti għandek xi understanding miegħu iġifieri għal xiex jista' jassenti ruħu u għal xiex għandu bżonn jitlob il-leave in termini ta' attivitajiet parlamentari jew politiċi?

SB: Le, il-leave huwa dritt tiegħu.

CP: Ehe.

SB: Jiġifieri hu ma joqgħodx itini sodisfazzjon għalfejn qed jużah. Eh ovvjament għal xogħol tal-Parlament ma jiħux leave għax huwa xogħol tal-Parlament.

CP: Sewwa.

SB: Hmm, għal xogħol politiku ovvjament jara hu. Ma joqgħodx jgħidli jiena ħadt il-leave għal xogħol politiku, jiena japplika għal-leave u no problem jekk japplika għal-leave. Issa kif juża l-leave dika ma nidħolx fiha jien.

CP: Sewwa imma iġifieri –

SB: U m'għandix mezz noqgħod niċċekkja jiena jekk ħa leave fejn kien.

CP: Kieku kelli nistaqsik inti intix kunfidenti illi hu mhux qiegħed jassenti ruħu għal funzjonijiet politiċi jew tal-kostitwenza minflok xogħol parlamentari, kif twieġeb?

SB: M'għandix mezz biex niċċekkja jiġifieri u qatt ma ppruvajt niccekkja. Jiġifieri jiena jekk għandu attività politika -

CP: Ehe.

SB: Jien ma nkunx naf. Ma noqgħodx insegwi jiena x'attivitajiet politiċi jkollu jiġifieri. Eh jien li nista' ngħid hi li jieħu ammont ta' leave u jiena napprovalu, issa kif jużah il-leave ma nkunx naf u jekk ħa ngħid hekk mar xi attività politika waqt il-ħin tax-xogħol, jien irid ikolli rapport. M'għandix mezz kif ninduna, bħal m'għandix mezz biex ninduna jekk perit ieħor mar jagħmel biċċa xogħol privata waqt il-ħin tax-xogħol.

CP: Sewwa, ok. Daqshekk.

SPW: So, eh just biex nikkonfermaw, kemm ilek DG l-uniku problema li kellek minħabba l-attendenza tiegħu, l-iffirmar tat-timesheets, kien dan bażikament.

SB: Li hu qed jirrifjuta illi jiffirma l-attendenza.

SPW: U int qatt ma rċevejt rapporti jew ilmenti mingħand xi ħadd jew kumment 'l hawn u 'l hemm ħabba l-attendenza tiegħu għax-xogħol?

SB: F'liema sens?

SPW: Xi ħadd qatt innotifikak isma' dan mhux jidħol għax-xogħol, suppost qed jidħol għax-xogħol -

SB: Eh le, li qed jidħol, le, qatt ma kelli rapporti.

CP: Fuq din l-issue tat-time sheets, hmm ir-response tad-dipartiment kienet just li jaċċetta s-sitwazzjoni? Idduskutejtha ma ta' fuqek mal-Permanent Secretary jew hekk? X'kien ir-response tal-ministeru jew id-dipartiment?

SB: Ifhimni, inzerta li l-Permanent Secretary inbidel xi tliet darbiet jiġifieri dan l-aħħar sena, hmm ehe qisu kulħadd jaf, jafu biha din, għandna relazzjoni -

JA: Ħadd ma ħa deċiżjoni finali jekk għandux raġun jew le?

SB: Ehe.

JA: Ok, daqshekk naħseb hux hekk? Din hija sustanza tax-xhieda tal-Perit Stephen Bonello kif dettata minnu stess fuq it-tape. Grazzi Perit.

SB: Ok.

Data tal-aħħar reviżjoni: 6 ta' Marzu 2025

DOKUMENT G

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

7 ta' Marzu 2025

L-Onor. Toni Bezzina

Bl-email fuq
[redacted]

Onorevoli,

**Każ K/071 dwar l-attendenza tiegħek fuq il-post tax-xogħol**

Nirreferi għall-ittra ta' dan l-Uffiċċju tat-28 ta' Novembru 2024 dwar l-ilment numru 188, u r-risposta tiegħek datata 30 ta' Diċembru 2024 flimkien mad-dokumentazzjoni annessa magħha.

Sussegwentement dan l-Uffiċċju fetaħ investigazzjoni formali dwar l-ilment fid-dawl tal-artikoli 1, 3, 4 u 6 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

Skont l-artikolu 18(3) tal-Att, inti intitolat li tingħata aċċess għall-provi u d-dritt tas-smigħ qabel ma dan l-Uffiċċju jiffinalizza r-rapport tiegħu dwar il-każ.

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, għandek issib anness ma' din l-ittra traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-Perit Stephen Bonello, Direttur Ġenerali (Xogħlijiet Pubbliċi). Jekk tixtieq tingħata aċċess għar-recording tax-xhieda, inti mitlub tinforma lil dan l-Uffiċċju.

L-attenzjoni tiegħek hija diretta b'mod partikolari lejn l-istqarrija tal-Perit Bonello li inti ma tiffirmax il-karta tal-attendenza (ara l-paġni 3 u 4 tat-traskrizzjoni, linji 85 sa 117). Din il-kwistjoni għandha titqies bħala parti mill-materja taħt investigazzjoni minn dan l-Uffiċċju. Inti għandek tirċievi taħrika permezz ta' ittra separata biex tixhed dwar dan, kif ukoll dwar kwalunkwe aspett ieħor tal-każ li dan l-Uffiċċju jidhirlu li jkun meħtieġ.

Permezz tal-ittra preżenti, inti qiegħed ukoll tingħata l-opportunità biex tagħmel sottomissjonijiet finali bil-miktub. Inti mitlub tagħmel dan sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 4 ta' April 2025**. Bħala parti mis-sottomissjonijiet tiegħek, tista' jekk tixtieq tippreżenta provi dokumentarji ġodda għall-konsiderazzjoni ta' dan l-Uffiċċju, jew tipproponi li tinġabar aktar xhieda orali.

Minflok sottomissjonijiet bil-miktub, tista' jekk tixtieq tagħmel sottomissjonijiet orali meta tiġi biex tixhed.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Ufficcju tal-Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika,

**Ilment 188 dwar attendenza fuq il-post tax-xoghol.**

Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-Onor. A.I.C. Anthony Bezzina.

Jesponi bir-rispett:

Illi permezz ta' Ittra datata 7 ta' Marzu 2025 l-esponenti nghata sa' l-4 ta' April 2025 biex jipprezenta s-Sottomissjonijiet tieghu dwar il-kaz *de quo*.

F'dan il-kuntest, l-esponenti jissottometti s-segwenti:

1. It-termini ta' referenza ta' dina l-Investigazzjoni jitwieldu direttament mit-termini ta' l-Ilment mitlub ghall-attenzjoni tal-Kummissarju ghall-iStandards fil-Hajja Pubblika ("*Il-Kummissarju*") u dan l-Ilment huwa identfikat fis-segwenti allegazzjoni maghmula fl-istess Ilment li tghid testwalment:

   *"Illi l-Onorevoli Anthony Bezzina suppost ikun qieghed jahdem fi hdan id-Dipartiment tal-Public Works, imma ma jmurx ghax-xoghol.*

   *Illi l-Onorevoli Anthony Bezzina ma jirrapurtax ghax-xoghol, b'allegazzjonijiet li sikwit ikun qieghed jaghmel xoghol privat tieghu fl-istess hin, izda jiehu paga xorta."*

2. Illi dan huwa ulterjorment konfermat mill-istess titolu ta' l-Investigazzjoni *de quo*, titolu moghti propju min dan l-istess Ufficcju tal-Kummissarju ghall-Istandards fil-Hajja Pubblika, li jaqra " *Ilment 188 dwar attendenza fuq il-post tax-xoghol*"

095

3. **Illi essenzjalment ghalhekk dak li qed jigi allegat hu illi:**

   **(a) L-esponenti ma jmurx ghax-xoghol fil-waqt li jithallas xorta wahda u ghalhekk jithallas ta' xejn u**

   **(b) L-esponenti fil-hin li suppost ikun ix-xoghol ikun qieghed jaghmel xoghol privat tieghu.**

4. Illi fir-Risposta minnu pprezentata fit-30 ta' Dicembru 2024, l-esponenti wiegeb fid-dettall dwar <u>kull tali allegazzjoni</u> u <u>kull twegiba moghtija</u> kienet sostanzjata minn dokumentazzjoni cara, ufficcjali u inekwivoka fl-aspetti u n-natura kollha taghha;

5. Dawn il-provi, oggettivi, cari u nkonfutabbli, jixhdu kif:

(a) L-esponent fil-kariga tieghu ta' Senior Architect, jirrapporta direttament lid-Direttur Generali li, min naha tieghu, jirrapporta lis-Segretarju Permanenti u huwa jaghmel dejjem u minghajr eccezzjoni kull xoghol li jkun assenjat lilu mid-Direttur Generali. Mill-istess natura teknika u prattika tieghu, dan ix-xoghol jinvolvi tipikament xoghol fl-ufficcju; xoghol *on-site* u xoghol *off-site*, u dan gieli f'hinijiet li jkunu 'l barra mil-hinijiet tax-xoghol infushom.

(b) L-unici istanzi fejn l-esponenti ma jattendix ghax-xoghol, huma:

   (i) meta huwa jkun bil-*leave* jew *sick leave*;
   (ii) meta huwa jkun qed jattendi ghal xoghol marbut ma xi hatra ufficcjali u
   (iii) meta huwa jkun qed jattendi ghad-dmirijiet u l-obbligi tieghu bhala Deputat Parlamentari.

6. Dwar kull wahda minn dawn it-tlett cirkostanzi, l-esponenti ressaq provi inkonfutabbli li, wahda wara l-ohra, b'mod ezawrijenti, oggettiv u inattakkabbli, jixkfu l-elementi kollha ta' l-Ilment migjub ghal-attenzjoni tal-Kummissarju, bhala assolutament u fl-aspetti kollha taghhom infondati, foloz u minghajr ebda bazi la fattwali u l-anqas legali.

096

7. Anke ferm aktar serju, gravi u ta' thassib minn hekk, tenut kont li hafna mill-aspetti ta' l-Ilment kienu facilment verifikabbli (tenut kont ukoll ta' l-access ghal informazzjoni li min qajjem l-Ilment iddikjara li kellu), huwa li min ressaq dan l-Ilment kien jaf jew zgur li kellu kull opportunita' li jkun jaf, li dak li qieghed jigi allegat fil-konfront ta' l-epsonent huwa fl-aspetti kollha tieghu falz u inveritjier.

8. Kuntrarjament ghal dak allegat u li dwaru infethet dina l-Investigazzjoni, il-provi kollha – oggettivi, dokumentati u inkontestati – jikkonfermaw kif l-esponenti:

(i) Jaqdi minghajr eccezzjoni d-dmirijiet tieghu ta' Senior Architect kif dirett mis-superjuri tieghu;

(ii) Kull darba, minghajr eccezzjoni, fejn ikun jinhtieg li jattendi ghal impenji politici u ta' kostitwenza (i.e. li ma jkunux direttament marbuta mal-hidma Parlamentri), dejjem ha zmien mill-*leave entitlement* tieghu, simili ghal kull impjegat li jista' jkollu mpenji personali;

(iii) Ghandu, bhal Periti ohra fl-istess Dipariment, il-fakolta' li jaghmel xoghol privat;

(iv) Kull darba, minghajr eccezzjoni, fejn ikun jinhtieg li jattendi ghal xoghol privat tieghu (skond kif ghandu l-fakolta li jaghmel, bhal kollegi tieghu ohra) dejjem ha zmien mill-*leave entitlement* tieghu, simili ghal kull impjegat li jista' jkollu mpenji personali;

(v) Kull impenn li jikkonsisti f'xoghol Parlamenti huwa jaqdih b'sens gholi ta' responsabilita, b'determinazzjoni u minghajr biza' u favuri, b'lealta' fuq kollox lejn il-Gurament li ha fil-bidu tal-impenn Parlamentari tieghu.

097

9. Jirrizulta mbagħad addizjonalment mal-provi prodotti mill-esponenti, illi anke x-xhieda tad-Direttur Generali (Xogħolijiet Pubblici) tikkorrobora dak kollu mistqarr mill-esponenti fir-Risposta tiegħu għal dak allegat fl-Ilment *de quo*.

10. Minn dina x-xhieda li hija certament oggettiva w awtorevoli, jiġi senjalat b'mod partikolari s-segwenti (enfasi f'kull kaz ta' l-esponenti):

> "***Ara, jiena qatt ma kelli rapporti li l-Perit Bezzina mhux qed jidħol għax-xogħol.*** *Li rrid ngħid ukoll hija li jiena ma nżommx ħa ngħid hekk, ma nkunx f'pożizzjoni li noqgħod ngħid isma' dak daħal għax xogħol* ***la bil-Perit Bezzina u l-anqas bil-periti l-oħra.*** *Sewwa jiena speċi bil-meetings u l-impenji li jkolli ma noqgħodx niċċekkja kull perit jekk daħalx jew le,* ***però qatt ma kelli rapporti li l-Perit Bezzina ma daħalx għax-xogħol.***"

F'dinja fejn (kif forsi anke l-istess Ilment innifsu u l-informazzjoni li min qajjem l-Ilment jidher li qal li kellu), l-esponenti jkun that il-lenti min jista' jkollu xi nteress li jara jekk l-istess esponenti jagħmilx xi zball, qatt ma kien hemm ebda cirkostanza ta' nuqqas (imqar jekk biss allegat) li waslet biex isir rapport lid-Direttur Generali, haga li kienet altrimenti tkun ferm verosimili li ssir, kieku tali cirkostanza kienet verament tezisti.

> -omissis-
>
> "Mill-banda l-oħra tajjeb ngħid li l-Perit Bezzina, **hemm benefiċċji oħra li l-Perit Bezzina ma jitlobx għalihom**, u dawn huma performance bonus, continuous professional development allowance, u disturbance allowance. **Periti oħra jirċevuhom imma l-Perit Bezzina ma jagħmilx talba għalihom dawn**."

Dan jixhed kif fil-prattika, u minghajr daqq ta' trombi, l-esponenti jifhem u japprezza illi l-istess dritt li huwa ghandu mill-Ligi u mid-disposti Amministrattivi tac-Civil, li jattendi ghal xoghol Parlamentari anke jekk ikun xi drabi waqt il-hin ordinarju tax-xoghol, jitlob minnu li jimxi bil-qies u bi prudenza, anke jekk ikollu teknikment dritt ghal certi beneficcji.

098

Għalhekk huwa jagħżel li ma jitlobhomx għal kull każ. Dan żgur hu element fattwali li ma ssir ebda referenza għalih fl-Ilment *de quo*.

11. Dwar l-aspett ta' l-iffirmar tal-karti ta' l-attendenza li għaliha saret referenza partikolarti fl-Ittra tal-Kummissarju tas-7 ta' Marzu 2025, l-esponenti jissottometti s-segwenti:

(a) Kif stqarr l-istess Direttur Ġenerali (Xogħolijiet Pubbliċi) fix-xhieda tiegħu :

> "*Issa rigward l-attendenza fiżika hmm, il-Perit Bezzina qed jirrifjuta li jiffirma, wara, wara li kien hemm u abbażi ta' tilwima industrijali li kienet qamet mal-Union tal-Periti u l-Inġiniera fis-settur pubbliku, fejn din il-union tat direttiva liċ-Chief Architects biex ma jiffirmawx l-attendenza. Issa l-Perit Bezzina huwa Senior Architect. Hu qed jargumenta li peress li f'section 2.3 tad-Data Protection Public Administration Human Resources Corporate Procedures tgħid li persuni fil-kariga ta' Assistenti Diretturi u headship positions ma jiffirmawx attendenza, allura Chief Architect li għandu l-istess grad ta' Assistent Direttur m'għandux għalfejn jiffirma. Issa hu Senior Architect. Allura, barra minn hekk il-Perit Bezzina qed jargumenta wkoll li peress li s-sectoral agreement tal-periti u l-inġiniera ipoġġi lis-Senior Architect f'Kategorija A bħaċ-Chief Architect, allura anka Senior Architect m'għandux jiffirma, u għalhekk hemm,* ***minn mindu inqalgħet din it-tilwima industrijali*** *eh mhux qed jiffirma l-attendenza.*"

(b) **Il-kwistjoni ta' l-iffirmar tar-reġistru ta' attendenza għalhekk ma għandha x'taqsam assolutament xejn ma' l-attendenza nnifisha għax-xogħol (li hu l-mertu ta' l-Ilment *de quo*) imma hija kwistjoni ta' natura industrijali u ta' interpretazzjoni ta' Sectorial Agreement** li ilha għaddejja għal żmien, sa minn meta l-istess esponenti kien Membru tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Union tal-Periti u l-Inġiniera tas-Settur Pubbliku, li allura kienet il-kontroparti tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi f'kull diskuzzjoni u skambju ta' natura industrijali;

099

(c) Anke l-istess Kummisarju wera li huwa konxju tal-fatt illi n-natura ta' din ic-cirkostanza partikolari – apparti li ma hijiex mertu ta' l-Ilment li ta' bidu ghal din l-Investigazzjoni – hija di natura purament u strettament ta' Relazzjonijiet Industrijali, u ma tinkwadra bl-ebda mod fit-termini ta' referenza mfassla mill-Cap. 570 tal-Ligijiet ta' Malta. (vide l-osservazzjoni tal-istess Kummissarju a fol 4 tax-xhieda tal-Perit Stephen Bonello – "***Issa jiġifieri il-kwistjoni tal-eżenzjoni mill-iffirmar tal-attendance sheet hija relatata ma' din il-kwistjoni industrijali, ma' din it-tilwima industrijali.***")

(d) La hemm u zgur u certament l-anqas qatt ma ghandu jkun hemm xi provvediment li jnaqqas lill-impjegat mas-Servizz Civili d-drittijiet tieghu *qua* impjegat, semplicement ghaliex huwa jkun Membru Parlamentari. Alla hares kellna naslu ghal xi sitwazzjoni perikoluza u kritika fejn Membru Parlamentari jigi mcahhad jew b'xi mod ristrett jew imxekkel mid-drittijiet tieghu ta' haddiem, semplicement ghaliex huwa Membru Parlamentari b'estenzjoni zbaljata ta' dak li huma u ghandhom ikunu l-istandards fil-hajja pubblika.

(e) Ghal kompletezza, u assolutament minghajr pregudizzju ghal fatt illi dina l-kwistjoni ta' natura purament industrijali li ma tinkwadrax ruha taht dak mahsub u provdut mill-Cap570 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti jiccara illi l-posizzjoni tieghu titwieled mill-klassifikazzjoni tal-grad ta' Senior Architect naxxenti mill-*Agreement Pertaining to Architects & Civil Engineers and Engineers between the Government and the Union Peri u Inginiera tas-Servizz Pubbliku* tat-8 ta' Ottuibru 2021.

Klawsola 4 ta' dan il-Ftehim tistabbilixi *inter alia* Grading Structure formali applikabbli ghal-Periti li huma mpjegati mas-Servizz Civili. F'din il-klassifikazzjoni ta' kategoriji, Klawsola 4.1 (Pg. 7) tal-Ftehim, **tpoggi espressament fl-istess kategorija** (cioe' Category A) sia Chief Architects (Skala 5) kif ukoll Senior Architects (Skala 6).

Ghal dak li huwa l-iffirmar ta' Attendance Sheets mbaghad, Section 2.3 ta' the Data Protection Public Administration Human Resources Corporate Procedures (Research & Personnel Systems Directorate), jispecifika illi "*All office personnel, with the exception of Assistant Directors and headship positions are to record their attendance daily on an attendance sheet (or on other electronic attendance devices) when reporting for work…*"

Ghalhekk in konsegwenza tal-klassifikazzjoni miftiehema li tpoggi ezatt fl-istess kategorija A lic-Chief Architects (i.e ekwivalenti ghal grad ta' Assistant Director) u lis-Senior Architects, li fil-kaz ta' l-esponenti hija wkoll f'kull kaz *headship position*, l-esponenti bhala Senior Architect hu regolat, ghal dak li jirrigwarda l-obbligu ta' iffirmar ta' Attendance Sheet, mill-fuq imsemmija Section 2.3. tad-Data Protection Public Administration Human Resources Corporate Procedures (Research & Personnel Systems Directorate).

(f) Mill-gdid minghajr pregudizzju ghal-fatt illi **dina l-kwistjoni partikolari hija ta' natura purament industrijali ma tinkwadra ruha bl-ebda mod taht dak mahsub u provdut mill-Cap570 tal-Ligijiet ta' Malta**, l-esponenti qieghed jesebixxi f'dan l-istadju ghal kull buon fini s-segwenti dokumenti, u cioe'

(i) Corporate Procedures 2024;

(ii) Schedule of Government Grades;

(iii) Agreement datat 8 ta' Ottubru 2021, bejn il-Gvern u l-Periti u Inginiera tal-Gvern

Ghaldaqstant in vista:

(a) ta' dak kollu fuq espost;

(b) tad-dettalji moghtija fir-Risposta ta' l-esponenti datata 30 ta' Dicembru 2024;

(c) tal-provi dokumentarji ezawrijenti, dettaljati u oggettivament inkonfutabbli u

101

(d) tax-xhieda moghtija mid-Direttur Generali li effettivament tikkorrobora dak kollu li l-esponenti xehed u pprova,

ghandu bir-rispett jirrizulta aktar minn pacifiku illi l-Ilment li ta' lok ghal din l-Investigazzjoni huwa, fl-ahjar ipotesi ghal min qajmu, assolutament infondat fil-fatt u fid-dritt, u fl-aghar ipotesi ghall-istess, huwa xjentement malizzjuz, malinn, malintenzjonat u altament abbuziv tal-process mahsub mill-Cap. 570 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dik li hija mgieba ta' Membri Parlamentari.

**Avv. Alex Perici Calascione**

*(alex@pcmlegal.com)*

102

# Traskrizzjoni tax-xhieda tal-Onor. Perit Toni Bezzina

---

Każ: K/071

Data: 24 ta' Marzu, 2025

Preżenti: Prim Imħallef Emeritus Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika – JA
Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju – CP
Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju – SPW

Onor. Perit Toni Bezzina – TB
Dr Alex Perici Calascione – AV

---

JA: Hmm, qabel ma nsaqsik ħa ngħidlek illi –

TB: Qed tirrekordja?

JA: Skużi?

TB: Ħa ttuni transcript nimmaġina hu?

JA: Iva, iva, iva, dik li kont se ngħidlek. Ħa nirrekordjawha biex umbagħad nagħmlu transcript, sewwa? U ħa ntik il-ġurament biex qed taħdem bill-ġurament.

TB: Sewwa.

JA: Jekk issib xi diffikulta f'xi domanda għandek l-avukat itik parir, ok?

TB: U ningħata kopja sija tar-recording u sija tat-transcript nimmaġina.

JA: Iva, iva. It-transcript eh żgur, anka l-mistoqsijiet, kollox se jkollok.

TB: Ok.

JA: Għalhekk nirrekordjaw għax kieku ma nkunx nistgħu dan. Mela, bdejt titfagħha?

CP: Iva.

JA: Mela seduta il-każ numru K wieħed u sebgħin, erba' u għoxrin ta' Marzu, elfejn u ħamsa u għoxrin, fl-għaxra ta' filgħodu, ftit qabel. Preżenti l-Kummissarju, id-Direttur Ġenerali, u Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator. Preżenti l-Onorevoli Toni Bezzina assistit minn Dr Perici Calascione. Mela ma tantx għandna domandi Perit taf, ftit, mhux se ndumu.

TB: F'idejkom.

JA: Tispjega daqsxejn is-sitwazzjoni tagħkom fir-rigward tat-timesheets tiegħek u r-raġuni għaliex m'intix qed tiffirmahom inti dawn it-timesheets?

TB: Iva, bazikament dan, kien sar sectorial agreement bejn il-periti tal-Gvern u d-Dipartiment tal-Public Works. Fis-sectorial agreement jidhirli li bgħattilkom ittra u bgħattilkom id-dokumenti kollha.

CP: Iva.

TB: Hemm eh ftehim illi Senior Architects eh u kif ukoll Chief Architects jaqgħu taħt klassi waħda li hi Class A allura ovvjament id-drittijiet u d-dmirijiet ta' sija Senior Architect u sija eh Chief Architect, l-istess klassi, huma l-istess. Waħda minnhom illi eh ma tiġix iffirmata fiżikament ir-rassenja. Issa orrajt fiżikament ir-rassenja ma tiġix iffirmata, però rassenja elettronika ikun hemm kuljum u jkunu jafu hux xogħol, hux leave, sick leave, ikunu jafu kollox. Iġifieri ifhimni kważi kważi iktar dettal iktar minn kollox. Issa jiena ħassejt illi la qegħda fil-ftehim settorjali illi aħna ma niffirmawx, jien m'għandix niffirma. Bgħatt ir-raġunijiet tiegħi lid-dipartiment għal darba darbtejn, però raġuni għal xiex jien għandi niffirma għadhom ma tawnix.

JA: Issa eh, id-Direttur Ġenerali jew Segretarju Permanenti –

TB: Ehe.

JA: Jew xi ħadd ieħor mill-ministeru fejn inti impjegat, sewwa, qatt kellmuk fuq din il-kwistjoni?

TB: Le, jiena bagħatli, kien bagħatli email id-Direttur Ġenerali, way back f'Jannar, irrispondejtu ma nafx kienx sew jew l-għada, jekk kienet il-Ġimgħa irrispondejtu t-Tnejn eh u tajtu raġunijiet tiegħi għalxiex jiena inħoss li m'għandix niffirma ovvjament –

AV: F'Jannar ta' dis-sena?

TB: Dis-sena iva. Fl-għaxra ta' Jannar u hu bagħatli fid-disgħa ta' Jannar. Kien il-Ħamis. Bagħathieli filgħaxija xi t-tlieta, tlieta u nofs ta' filgħaxija, u jien weġibtu l-għada l-Ġimgħa għaxra ta' Jannar fejn tajtu r-raġunijiet tiegħi, kumbinazzjoni, kumbinazzjoni, naqra kumbinazzjoni kbira reġgħu kitbuli nhar il-Ġimgħa li għaddiet u dalgħodu stess erġajt bgħattilhom risposta li dawn mhumiex jgħidu ara le inti għandek tiffirma minħabba dir-raġuni, dir-raġuni, dir-raġuni, sempliċiment bagħatli –

AV: Nista' nesibihom.

TB: Iva. Ifhimni  la għandi din l-email li kien bagħatli d-Direttur Ġenerali, li kien bagħatli mhux id-Direttur, l-Assistant Direttur Ġenerali, umbagħad jiena bgħattha, bgħatt ir-risposta tiegħi lid-Direttur Ġenerali.

SPW: Nista' nieħu l-kopji?

TB: Tista' iva ta. Eh u din kumbinazzjoni, kumbinazzjoni meta konna ġejjin hawn bagħtu il-Ġimgħa filgħaxija. Mhux problema. Din li bagħatli nhar il-Ġimgħa, nhar il-Ġimgħa filgħaxija, Bonello, Stephen Bonello bagħathieli Friday fis-siegħa u nofs, u din ir-risposta li bgħatt dalgħodu stess.

JA: Grazzi. Issa għandek xi tip t'arranġament int rigward eh ix-xogħol tiegħek peress li inti membru Parlamentari, naturalment peress li ħajja Parlamentari tirrikjedi ċertu ħin, sewwa?

TB: Jien ifhimni nagħmel xogħoli normali kif kont nagħmlu u bqajt nagħmlu, regolarment, umbagħad jiena nemmen li hemm sens tal-irġulija. Tgħidli sens tal-irġulija f'hiex? Illi jekk jiena kelli bzonn meeting u mort sagħtejn waqt il-ħin tax-xogħol, ħdimthom filgħaxija, ġieli ħdimthom filgħaxija, ġieli dħalt fl-erbgħa ta' filgħodu x-xogħol, ifhimni mhux l-ewwel darba, fl-erbgħa ta' filgħodu u jekk għandi meeting matul il-ġurnata flok

nidħol fis-sebgħa ngħid ħa nidħol fl-erbgħa ta' filgħodu u jekk għandi tliet siegħat barra, dawk it-tliet siegħat inkun pattejt għalihom ukoll. Hemm distanzi mhux darba u tnejn, tlieta u erbgħa illi ifhimni kelli ċertu xogħol u bqajt nagħmlu filgħaxija iġifieri jekk għandu wkoll –

JA: Iva imma –

TB: Korrispondenza t'email.

JA: Filgħaxija. Orrajt. Skużi se nsaqsik din id-domanda.

TB: Mela le.

JA: Imma fl-erbgħa ta' filgħodu x'se –

TB: Ikun hemm id-dipartiment miftuħ –

JA: Tmur l-uffiċċju jew –

TB: L-uffiċċju, le l-uffiċċju l-Belt.

JA: Tmur l-uffiċċju għax barra jkun hemm –

TB: Aħna erba' u għoxrin siegħa miftuħin.

JA: Sewwa. Barra ma naħsibx li jkun qed isir xogħol.

TB: Le barra l-uffiċċju hux. Imma l-uffiċċju miftuħ 24 siegħa.

JA: U anka filgħaxija?

TB: Filgħaxija naħdem mid-dar hux.

JA: Ok.

TB: Mhux se mmur id-dar fejn, ifhimni issa jekk jiena spiċċajt il-Parlament jien naf, spiċċajt forsi kelli xi nies fl-għaxra ta' filgħaxija, mort id-dar u bqajt għaddej bix-xogħol.

JA: Ok.

TB: Però Beltissebħ funnily enough niftħu erba' u għoxrin siegħa kuljum. Iġifieri jekk tmur fis-sagħtejn ta' filgħodu, t-tlieta ta' filgħodu, l-erbgħa, l-ħamsa, s-sitta, ikun hemm xi ħadd, ikun hemm is-security, jiftaħli, nidħol u ngħaddi. Ċavetta tal-uffiċċju, jien ġo uffiċċju waħdi, nidħol uffiċċju u nibqa għaddej bix-xogħol. In a way, fix-xogħol tiegħi tgħini, tgħidli għalxiex? Għax jekk nista' nillapazza naqra li jekk jien naf l-għada għandi ċertu meetings fuq xogħol parlamentari, ovvjament nista' faċilment forsi jien naf, jew dħalt kmieni, jew bqajt għaddej naqra bix-xogħol filgħaxija u nista' nagħti l-garanzija li mhux erbgħin siegħa fil-ġimgħa nagħmel jien, ġieli anka sittin u sebgħin siegħa. Ifhimni aħna jekk xejn marbutin bl-etika professjonali, jiena fl-aħħar mill-aħħar periti –

JA: Inti qbadt, aw sorry, qatt ħadt xi direzzjoni mingħand xi kollega tiegħek fuq kif għandek tqassam ix-xogħol, għax inti m'intix l-uniku wieħed li għandek impjieg mal-gvern u qiegħed fil-Parlament.

TB: Kollega tiegħi bħala MPs?

JA: Ehe MPs eh.

TB: Le, jien ifhimni naqra, jiena itini x-xogħol id-Direttur Ġenerali –

JA: Jew, jew fuq ix-xogħol.

TB: F'liema imma mhux nifhem il-mistoqsija ta.

JA: Ara ħa npoġġi ruħi f'pożizzjoni li jien id-Direttur sewwa, u għandi impjegat miegħi li qiegħed fil-Parlament, sewwa?

TB: Iva.

JA: Eh insibha diffiċli speċi kieku jien, issa ma nafx, kif se nkellmu lil dak li jkun, ngħidlu isma x'se tagħmel issa? Kif se tersaq? Mhux ix-xogħol ta' kulħadd l-istess għax inti x-xogħol tiegħek jista' jkollok xogħol fuq barra sewwa?

TB: Ifhimni, li forsi naqra flessibbli, li għandna vantaġġ bħala perit li tkun naqra flessibbli hux. Ifhimni naqra dan aħna ma naħdmux – issa ħa nkunu ċari hawn, sħabi, ħa nieħu minn sħabi, biss biss periti għandna dik li jgħidulha disturbance allowance. Għax aħna strictly speaking, xogħol erba' u għoxrin siegħa kuljum, mit-Tnejn sal-Ħadd. Professjonist, iġifieri ma nistax ngħidlu li ċempilli l-Ħadd fl-għaxra ta' filgħodu u jgħidli Ton inqala' xi ħaġa u jien ngħidlu le ta għax illum qiegħed leave. Le jien obbligat li noħroġ jista' jkun is-siegħa ta' filgħodu, jista' jkun x'ħin ikun, u mmur fuq il-lant, jekk jinqala' xi ħaġa dejjem. Ovvjament jien id-disturbance allowance, sħabi joħduha kollha, kif għandhom dritt u suppost. Jien ma noħodhiex. Issa ma noħodhiex jiġifieri la nieħu disturbance allowance, la nieħu l-continuous development, la nieħu l-performance bonus, illi issa mbagħad trid tkun naqra, kif tgħidha, ġentlom ħa, jew inkella tkun raġel.

JA: Ma tkunx wiċċek tost, ħa ngħidu bil-Malti.

TB: Dik il-kelma eżatt, il-kelma eżatt li qed tgħid int, ma nkunx tost. Issa jiena ifhimni, jiena meta kelli xogħol parlamentari ġieli ħadli sagħtejn u ġieli ħadli nofs ta' nhar, u ġieli ħadli ġurnata.

JA: U inti spokesman ukoll hux hekk?

TB: Jiena shadow minister ta' ministru u segretarju parlamentari. Jiġifieri kull ma jagħmel – dan il-ftit xogħol li għamilt dan l-aħħar sena u nofs ta – li jagħmel il-ministru u li tagħmel is-segretarju parlamentari ovvjament –

JA: Trid tixxedowjah.

TB: – b'sittin ruħ kull waħda u wieħed minnhom jien irrid nagħmlu waħdi. L-iktar l-iktar tgħinni naqra t-tifla għandi appoġġat. Però l-bqija riċerki jekk tiġi liġi. Issa jekk ippreżentaha l-Ministru, il-Ministru, ifhimni nista' nkun il-ministru jien, ikollu l-għajnuna, jkollu l-avukati. Jiena mbagħad min-naħa tiegħi kif tiġi l-liġi quddiemi, jiena naf li Prim Imħallef, naħseb tafu biżżejjed bħal ma hu avukat, kull full stop, comma, semi-colon, tibdillek is-sens kollu tal-liġi. Mela jien jekk għandi liġi, dan per eżempju mozzjonijiet li ħdimt fuqhom –

JA: Iġifieri –

TB: Ktibt arahom –

JA: Nimmaġina –

TB: Tippreparahom, tiflihom, ovvjament. Per eżempju jien qiegħed agrikoltura u sajd. Issa, ħa nkun ċar, jien agrikoltura u sajd m'iniex espert f'dak l-irwol, l-anqas fis-sajd. Iġifieri dan private protection biulding fejn ikun hemm il-liġi kollha, nipprepara d-diskors fuqha, ovvjament jiena tip ta' bniedem, l-ewwel nett jien naqra perfezzjonist f'kollox, anka fix-xogħol ta, ħa nkun ċar. Jien kollox, ma jkollokx kollox eżatt, jien anka l-Parlament jekk ma nkunx miljun fil-mija ċert mill – mhux allegazzjonijiet, ma nagħmilx – jekk ma nkunx miljun fil-mija ċert milli ħa ngħid, nippreferi ma nitkellimx. L-ewwel nett jien nemmen, mhux nemmen, fil-fatt hu li kull ma ngħid, kompli, kompli.

JA: Skużi ta.

TB: Ma jimpurtax. Jiena kull ma ngħid qed jiġi irrekordjat, u ħa jiġi transcript iġifieri jekk jgħaddu tletin sena, erbgħin sena, ħamsin sena, jistgħu jgħaddu sal-Parlament jgħiduli f'dik id-data u dik it-tali ġurnata fuq it-tali u tali liġi x'qal? U jikkwotak number one, li ngħidu fil-parlament apparti li ngħidu skumitat u hekk, għandu ċertu weight li nemmen jien illi min-naqra li għallmuni illi anka jekk tiġi f'kawża għax ikun ingħad too much, hemm ċerti weight fih ukoll. Allura bil-Malti noqgħod attent, l-ewwel nett biex ma naqax għaċ-ċajt jien, ma nistgħax ngħid xi ħaġa umbagħad joħorġuha jgħidu dan jaf x'inhu jgħid? Ifhimni ministru m'iniex, shadow minister jien eżatt, issa ħa nkunu ċari. Kulħadd jittama li xi darba jkun ministru.

JA: Nimmaġina x-shadow minister ukoll ma jistax waqt l-istadju ta' kumitat ma jistax jallarga ruħu, jrid ikun preżenti naħseb hux hekk?

TB: Iva u anka nippreżentaw mozzjonijiet.

JA: Le, għax back bencher jista' ma jkunx preżenti.

TB: Le, ifhimni, jiena ħa nkun ċar, l-iktar li jien imweġġa' hi illi l-kunċett ta' membru parlamentari qed tmur tlett darbiet filgħaxija fil-ġimgħa, issa immoru bilqegħda nieħdu bela kafè filgħaxija nagħmlu mill-erbgħa sas-sebgħa u nofs, nitilqgħu d-dar u qisu ma ġara xejn. Jien nagħmel għoxrin siegħa – jien qiegħed taħt ġurament naqblu? Għoxrin siegħa kuljum imqajjem. Jien la għandi Sibt la għandi Ħadd. Jien dalgħodu dħalt norqod x'ħin kienu tlieta, tlieta u nofs ta' filgħodu, fis-sebgħa kont diġa' lest ippreparat, hawnhekk kont tiela' naqra kmieni, tlajt fuq fuq nieħu kafè, mela jiena għaddej għoxrin siegħa kuljum, jekk tgħidli minn għoxrin siegħa għandi apparti l-erbgħin siegħa fil-ġimgħa li għandi tax-xogħol, politika. Ix-xogħol privat ftit li xejn. Issa [mhux ċar] bqajt nagħmel xi ħaġa żgħira biex jgħidu dan perit jew mhux perit, anka mħabba ifhimni perit tajjeb u ħazin jiġi bniedem li nagħmel ċuċati żgħar jiena nafhom [mhux ċar] xejn. Jiena bniedem għandu bżonn xi ħaġa li tgħid, biex ngħid hekk ħa qdejtu, għal il-bqija xogħol privat ma nagħmilx. Iġifieri kkonċentrat bażikament kważi kważi tmenin fil-mija ta' ħajti politika. Issa politika lanqas kważi kważi kostitwenza ta jiġifieri, ifhimni naqra. L-iktar li għandna xogħol tipprepara diskorsi, mozzjonijiet, proposti – din oħra, jiena mhux qiegħed hemm biex noqgħod nipprietka biss – jiena naf, jekk meta kont shadow tat-trasport għamilt anka proposta ta' sistema tat-traffiku tal-massa hux. Li nemmen li l-gvern għal hemm ħa jaqa' hux. Ħa nkun ċar, jien naf jekk agrikoltura għamilt il-proposta, jien nagħmel il-proposti. F'kull ma jkun hemm jien, li nħoss li xogħol kull deputat, xogħol kull deputat huwa dan. Dawk kollha rapporti u proposti.

JA: Ok, int għandek bżonnha, għax għalina essaċċ mhux daqshekk rilevanti għalina.

TB: U le, ara jien ġibthom biex bniedem japprezza naqra, jiena dawn kollha proposti ara.

JA: Għandkom xi domandi –

TB: Bniedem japprezza naqra x'nagħmlu u ma nagħmlux.

JA: Ara għandkomx xi domandi.

CP: Mela fir-rigward tat-time sheets.

TB: Ehe.

CP: Just to summarise the situation, mela kif – biex inkunu żgur li qed nifhmuha tajjeb. Mela il- eh, is-sectoral agreement tal-periti jgħid illi Senior Architects u Chief Architects huma fil-Category A –

TB: Iva.

CP: Li hija l-faxxa taċ-ċivil tat-top management, li ma jiffirmawx l-attendenza.

TB: Eżatt.

CP: Però jgħid li huma ċ-Chief Architects li m'għandhomx jiffirmaw l-attendenza.

TB: Le.

CP: Issa int qed tgħid hux hekk illi ġaladarba Senior Architect qiegħed Category A anka Senior Architect m'għandux jiffirma l-attendenza.

TB: Fis-sectorial agreement jikklassifika l-Periti, fejn għandek iċ-Chief Architects u s-Senior Architects huma ta' klassi waħda, Class A.

CP: Ehe.

TB: Issa umbagħad hemm procedure organization li jgħid illi minn ċertu skala 'l fuq ma jiffirmawx.

AV: Id-Data Protection Public Administration Human Resources Corporate Procedures, research and personal assistance and Director.

TB: Fl-aħħar mill-aħħar kwistjoni industrijali ħa nitkellem straight, sa qabel ma sar dan sectoral agreement qatt ma sibt problema u kont niffirma normali. Però jiena nħoss illi la hemm sectorial agreement issa inutli nagħmel sectorial agreement, indum, indum, indum, ħa, tiddiskutieh, tiddiljah ma nafx kif taqbad il-kelma eżatt.

AV: Tinnegozjah.

TB: Tinnegozjah il-kelma eżatt. Indumu ninnegozjawh erba' snin, ħamsa biex umbagħad x'ħin jidħol ma nattwahx, jiena –

JA: Kemm ilu fis-seħħ dan is-sectorial agreement?

TB: Eh xi sentejn.

JA: Iġifieri inti –

TB: Għax kont għadni il-Union jien meta daħħalnieh.

JA: Int ilek fil-Parlament mit-thirteen.

TB: Jien ilni fil-Parlament tnax, tlettax il-sena.

JA: Sewwa mit-thirteen. Mit-two thousand thirteen. Jiġifieri qabel kont tiffirma.

TB: Anka mit-thirteen sakemm ġie iffirmat dan kont niffirma normali hu.

JA: Ok.

TB: Kieku għandi kopja –

AV: [Mhux ċar] parlamentari –

TB: Mhux dik il-problema.

JA: Just saqsejtha.

TB: Jien ifhimni naqra, l-argument kollu hu dan, jiena mela ħadna jiena naf erba' snin u kont fil-Union dak iż-żmien, ninnegozjaw ma nafx x'kienet il-kelma, ninnegozjaw sectorial agreement, biex umbagħad x'ħin jidħol is-sectorial agreement ma jridux jimxu miegħu. Mela mhux sectorial agreement.

JA: Insomma.

TB: Iġifieri din opinjoni personali tiegħi.

JA: Iva, iva, iva.

TB: Anka fir-raġunijiet iktar tajt ir-raġunijiet għalxiex jiena nħoss illi m'għandix niffirma, s'issa għadhom qatt m'għaddewli, ifhimni f'sentejn għadhom qatt ma ġewni lura jgħidli le, trid tiffirmali dir-raġuni, dir-raġuni, dir-raġuni u dir-raġuni.

AV: Jekk tippermettili Sur President, jiġifieri ma waqafx jiffirma għax sirt membru tal-Parlament.

TB: Le.

JA: Le għalhekk saqsejtu jien.

TB: Meta għamiltha assolutament iġifieri jien qed ngħidlek, qed ngħidlek sakemm dan niffirma normali u ma ġibthomx.

JA: U le ma ġara xejn. M'hemmx għalfejn.

TB: Kont inġiblek kopja tar-rassenja iffirmata normali ta jiġifieri.

CP: Però d-DG qalilna li inti l-uniku Senior Architect li ħadt din il-pożizzjoni.

TB: Ifhimi naqra.

CP: Huwa minnu dan?

TB: Jiena x'jagħmlu sħabi ma nafx, ħa nitkellem hekk, li naf żgur li kien hemm oġġezzjoni minn naħa ta' Dipartiment li ċ-Chief Architects ukoll għax riduhom jiffirmaw ukoll, jiena nħoss la jiena qiegħed f'dik il-kategorija. Issa ifimni xi ħadd irid jagħmel il-pass li għamilt jien, issa żgur li qatt ma kien hemm oppożizzjoni min-naħa tal-Public Works li anka ċ-Chief Architects ma jiffirmawx, issa hemm dit-tilwima industrijali u wieħed jara x'joħroġ

minnha u skont x'joħroġ nimxu. M'hemmx problema. Però ifhimni dawn jekk ilni tlettax-il sena deputat, għamilt ħdax-il sena niffirma normali r-rassenja, għandi xi ħaġa kopja għax għamilt żmien inżommhom, jekk tridni nibgħathomkom nibgħathom m'għandix problema assolutament.

CP: Given li inti però għidtilna li inti taħdem sigħat irregolari, ġieli tidħol filgħodu kmieni ħafna qisek biex tikkumpensa għax-xogħol li tkun għamilt –

TB: Għax irrid jien, m'iniex obbligat. Jiġifieri jekk qed nagħmel xogħol parlamentari għandi dritt nagħmel xogħol parlamentari waqt il-ħin tax-xogħol anka minn dak li joħroġ mil-liġi stess. Però jien mill-irġulija nħoss li jekk hemm proġett m'għandix inħallih jaqa' lura għax jiena għandi x-xogħol tal-Parlament. L-irġulija titlob, jiena ħa nitkellem ftit, bl-etika professjonali ta' perit, bil-code of ethics ta' perit jien iktar minn kollox, u bħala code of ethics huma li inti għandek xogħolok trid tagħmlu, fis-sens li huma mhux għax forsi jiena ħa, mort erba' siegħat il-Parlament qed nagħmel proġett inwaqqgħu lura, anzi jekk jista' jkun, tista' ssaqsi għalija ma' min trid, jekk biċċa xogħol kien ħaqqha ddum xahrejn, jekk jista' jkun għamiltha f'ġimgħa. Jiena ifhimni inħossu d-dmir tiegħi, l-obbligu tiegħi li jekk għandi biċċa xogħol ħa u trid tinħeles u forsi llum kelli xebgħa laqgħat relatati max-xogħol parlamentari tiegħi u anka bħala shadow minister bħalissa tal-agrikoltura u sajd, illi dak il-ħin ma stajtx naħdem, iva irrid li naħseb qabel, ġieli kellek xogħol tax-xogħol u ħadtu d-dar, iġifieri bħal ma jagħmel kullħadd meta tkun ċertu pożizzjoni. Jien għandi l-mara EO l-Education qegħda, ġieli damet sal-għaxra u l-ħdax u hi taħdem sal-ħamsa, u ġieli għamlet sal-għaxra u l-ħdax ta' billejl għaddejja bix-xogħol tal-iskola. Umbagħad għandha tkun minnek li jkun hemm ċertu irġulija li ċertu xogħol li jekk hemm bżonn tagħmlu, tagħmlu u għalhekk nieħdu d-disturbance allowance. Issa erħilu li ma nikklejmjahx, tgħidli ma tikklejmjahx għar-raġuni li għidt l-ewwel, li ifhimni naqra jekk jiena mort sagħtejn fuq xogħol parlamentari jew tliet siegħat xogħol parlamentari, eh ix-xogħol il-ħinijiet li għamilt żejjed biex inpatti għal dawk it-tliet siegħat. Sħabi l-periti jekk hemm ċeru xogħol iridu jkompluh id-dar għandhom, jitħallsu id-disturbance allowance.

CP: Id-domanda tiegħi imma kienet ġejja li jekk inti tagħmel ċerti sigħat straordinarji wara x-xogħol, inti ma jaqbillekx bħala individwu li dawk is-siegħat ikunu rrikordjati fl-attendenza?

TB: Ifhimni naqra kif ħa naqbad tirrekordjahom, jien la –

JA: Jekk tirrekorjahom naħseb ġa saqsejt is-Sur Polidano, hija billi tiffirma x'ħin tidħol u toħroġ.

TB: Iva, ifhimni naqra imma, ippermettili sekonda please ta. Jiġifieri dan ħa, korrispondenza fuq proġett partikolari. Issa tgħidli orrajt korrispondenza ġenerali però x'ħin bagħat l-emails u m'hemmx. Ifhimni naqra aħna m'aħniex, professjonisti, m'aħniex nies qed inbiegħu l-karawett . Dawn xejn, dawn huma korrispondezi bejni u d-Direttur u anka waqt erġajt qbadt l-aħħar xaharejn emails l-anqas hawn mill-bidu, imma li ifhem il-ħinijiet ħa ifhem x'ħin intbgħatu l-emails, jew fi x'ħin dħalt għax xogħol jien naf. Fl-erbgħa ta' filgħodu, l-erbgħa u nofs –

AV: Iġifieri din għall-ħinijiet li qed jintbgħatu.

TB: Iva biex speċi ifhmni tgħidli inti kważi kważi li qed ngħid, nikkonfermah email u l-email qegħda hemm u.

CP: Dawn nistgħu inżommuhom?

TB: Tistgħu iżommuhom. Dawn mhu xejn ta’ barra minn hawn.

AV: Esebiti bħala to record the time ta’ meta sar.

TB: Ħa niċċekkja, għax għandi biċċiet minnhom immarkajthom apposta.

SPW: Inti semmejt fil-bidu li għandkom sistema ta’ rassenja online ukoll?

TB: Iva bħalma naħseb għandkom intom li qegħdha ħawsjata mill-OPM.

SPW: Sewwa.

TB: Li inti jekk għandek leave ħa –

SPW: Aħna indipendenti mill-OPM, so m’aħniex fis-sistema.

TB: Mela aħjar minna.

SPW: Għalhekk qed insaqsik.

TB: Servizz ċivili, ifhimni qabel kellna sistema għalina, niftakar way back.

AV: Bħala Dipartiment?

TB: Bħala Dipartiment iva naħseb ilu xi erba snin, però minn xi sentejn ’l hawn ġie kollox housed OPM sistema.

JA: Inti kif gradwajt dħalt mill-ewwel mal-gvern?

TB: Le, jiena l-ewwel li bdejt hija, naħsel it-tazzi.

JA: Le, le. Iġifieri għal-ewwel –

TB: Ifhimni kont postman mal-gvern.

JA: Le meta gradwajt mill-ewwel dħalt mal-gvern jew?

TB: Le, jien kont diġà mal-gvern għax

JA: Eh kont ġa mal-gvern.

TB: Dħalt mal-gvern way back nineteen –

JA: Le jien just hekk.

TB: Iva, iva jiena bdejt nineteen eighty-seven. Fin-nineteen eighty-seven bdejt postman. Umbagħad dħalt skrivan mal-gvern niftakar kienu isiru l-eżamijiet qabel mal-gvern u kont ġejt minn tal-bidu bħala skrivan, insomma tkun żgħir [mhux ċar] u dejjem tapplika. Imbagħad applikajt u dħalt land surveyer mal-Public Works fejn għall-glorja t’Alla l-ikbar xogħol li hawn ġo Malta tajjeb jew ħażin kont imdaħħal fih ħa, umbagħad niftakar meta spiċċajna l-Mina ta’ Santa Venera, ngħid Settembru nineteen ninety-two eh min kien, min kien perit fuq il-proġett laħaq Direttur – Perit Ninu Zammit, ma nafx tiftakrux jew le – kien laħaq Direttur u kien żammna miegħu. Umbgħad niftakar kont wieħed miż-żgħar, niftakar li l-ewwel kont ippreparajt l-ispecs tat-toroq u tat-trinek, u konna ntfajna fuq trinek xogħlijiet tat-toroq u hekk, umbagħad nineteen ninety-eight – niftakar nineteen ninety-six kont għamilt xi course fuq management umbagħad dħalt tad-diploma,

diplomatic studies – fin-nineteen ninety-eight imbagħad b'ċikka, storja antika, dħalt għall-kors ta' perit fuq ċuċata, kelli argument ma' persuna m'għandhiex x'taqsam ma' dawn imma nsomma, bażikament kien hemm problema fuq triq konna qed nagħmlu dak iż-żmien Fgura Road, nineteen ninety-seven, konna qed nagħtu l-wiċċ quddiem il –

JA: U iva nsomma iġifieri.

JA: Vokazzjoni ta' tipa kienet tiegħek.

TB: Insomma applikajt.

AV: M'hemmx għalfejn, qallek għax mhux perit.

TB: Għax eh qbadna l-argument qalli għax inti li qed tgħid qalli tajjeb kemm hu tajjeb ma jiswa xejn għax m'intix perit. Niftakar kif ħriġt minn hemm tfajt applikazzjoni għal perit u bagħtu għalija mhux ċajta, eh insejt li tfajt l-application, ċemplu d-dar lill-mara u l-mara kienet se toqtolni, qaltli int miġnun applikajt u l-anqas biss – insejt ngħid lill-mara u niftakar insomma mbagħad dħalt umbagħad ovvjament kif spiċċajt mill-Università speċi ta' kors ta' perit għamilt kors Master Diplomatic Studies għamilt il-Masters ukoll, dħalt lura technical officer kif tlaqt, jiena kemm domt l-Università .... minn mal-gvern, kont nidħol biss biex inkunu qed ngħidu kollox fis-sajf. It-tliet xhur li ma kellix università dawk ix-xahrejn jew tlieta, kont nidħol lura r-Roads dak iż-żmien, għax ir-Roads kienu nqatgħu minn mal-Public Works umbagħad eh fit-two thousand and four, two thousand and five, mir-Roads tlaqt u mort lura l-Public Works umbagħad jiena dħalt kienu ħarġu applikazzjoni, kont applikajt –

JA: Le, għax ħsibtek sirt perit u dħalt mal-gvern mill-ewwel.

TB: Le, le, kont qabel.

JA: Kellek storja twila.

TB: Civil servant antik, ċivil servant.

JA: Għandek storja twila.

TB: Is-servizz pubbliku nafu meta ħa nitkellmu hekk, kull persuna, land surveyor kien jilbes il-glekk u l-ingravata u jmur fuq il-lant bil-ġlekk u l-ingravata, illum qas perit ma mmorru bil-glekk u ingravata imma dak iż-żmien daqshekk konna –

JA: Issa la tispiċċa ngħidlek storja. Hawn xi domandi oħra, domandi oħrajn. Dottoressa?

SPW: Bażikament kif taħdem dis-sistema tal-online, ir-rassenja online?

TB: Le, inti ifhimni naqra, mela inti jekk jiena per eżempju dalgħodu biex ġejt hawn jiena applikajt għal leave.

SPW: Sewwa.

TB: Applikajtlu minn x'ħin sa x'ħin mhux ħa noqgħod nitkellem ħa, mis-sebgħa ta' filgħodu san-nofs siegħa. Ħadt, ħadt il-leave biex niġi hawn, mela dan għandu mmarkat li ħadt il-leave u il-bqija qiegħed hemm, ifhimni naqra dan sistema issa –

CP: Din sistema li tirrikordja l-leave hux hekk?

SPW: Leave.

TB: Tirrikodja l-leave tkunx qiegħed hemm jew le qed ngħidlek. Eżempju jien naf jekk tidħol issa tgħidlek jekk qiegħed xogħol jew mhux qiegħed xogħol. Is-sistema ovvjament fuq li tkun daħħaltilha inti, bħala kollox però ifhimni jiena –

AV: X'jiġri meta tmur lura xogħol?

TB: Ehe.

AV: X'isir xi ħaġa tgħidlu li inti dħalt lura?

TB: Le as such hija lesti, ifhimni naqra, hi tidħol fil-computer imma ifhimni eh, m'hemmx anka eh mhux bħar-rassenja tiffirma, tiffirma iffirmajt dħalt u barra, mhux as such eh sistema li żżomm records liema ġranet ħdimt għax xogħol meta bil-leave meta inti bis-sick leave, dawn l-affarijiet.

SPW: Mhix sistema bħal ma għandhom per eżempju ditti fejn għandek key card.

TB: Le, m'għandix, le.

SPW: Jillogjaw u jkollok log –

TB: Le, le.

SPW: Li inti dħalt jew ħriġt.

TB: Qed nifhmek le. Le m'għandniex assolutament.

SPW: Orrajt.

JA: Xi domandi oħra?

SPW: Min-naħa tiegħi le.

JA: Mela din is-sustanza ta' xhieda tal-Onorevoli Perit Toni Bezzina kif dettata minnu stess fuq it-tape. Grazzi.

Data tal-aħħar reviżjoni: 7 ta' April 2025

DOKUMENT J

## Bezzina Anthony at MTIP-PWD (Technical)

| | |
|---|---|
| **From:** | Bezzina Anthony at MTIP-PWD (Technical) |
| **Sent:** | Friday, 10 January 2025 15:55 |
| **To:** | Bonello Stephen at MTIP-PWD |
| **Cc:** | Bezzina Anthony at MTIP-PWD (Technical) |
| **Subject:** | FW: New format of attendance sheets |

Perit Bonello,

